ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 111

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

5 ta’ Mejju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 361/2009 tal-4 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 362/2009 tal-4 ta’ Mejju 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ........ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 363/2009 tal-4 ta’ Mejju 2009 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1974/2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)** ........ 5

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2009 tal-4 ta’ Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 360/2009 li jiffissa d-dazji ta’ l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta’ Mejju 2009 ........ 13

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta’ programmi tal-kompjuter (Verżjoni kodifikata)** ([1]) ........ 16

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta’ wara)*



MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/364/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2008 dwar il-miżura (C 33/07 (ex N 339/06 u N 729/06)) li l-Ġermanja bi ħsiebha timplimenta permezz ta' IBG Beteiligungsgesellschaft Sachsen-Anhalt mbH** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5581)* ([1]) .................................. 23

2009/365/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2009 dwar l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* bħala ingredjent alimentari ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3039)* 31

2009/366/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2009 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja fir-rigward tal-infiq fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2008** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3199)* .................................................................. 35

2009/367/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2009 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), għas-sena finanzjarja 2008** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3217)*.... 44

2009/368/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2009 li tistipula għas-sena tas-suq 2009/2010, l-ammonti tal-għajnuna għad-diversifikazzjoni u l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni li għandha tingħata skont l-iskema temporanja għar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3158)* ..................................... 50

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/113/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta mikroorganiżmi bħala sustanzi attivi (ĠU L 330, 9.12.2008)** 51

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

# I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 361/2009

### tal-4 ta' Mejju 2009

### li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 88,9 |
| | MA | 82,7 |
| | TN | 139,0 |
| | TR | 132,5 |
| | ZZ | 110,8 |
| 0707 00 05 | JO | 155,5 |
| | MA | 32,7 |
| | TR | 129,1 |
| | ZZ | 105,8 |
| 0709 90 70 | JO | 216,7 |
| | TR | 114,9 |
| | ZZ | 165,8 |
| 0805 10 20 | EG | 44,2 |
| | IL | 55,7 |
| | MA | 51,6 |
| | TN | 64,9 |
| | TR | 55,0 |
| | US | 51,9 |
| | ZZ | 53,9 |
| 0805 50 10 | TR | 47,0 |
| | ZA | 52,3 |
| | ZZ | 49,7 |
| 0808 10 80 | AR | 83,4 |
| | BR | 72,6 |
| | CA | 114,7 |
| | CL | 78,1 |
| | CN | 89,0 |
| | MK | 33,9 |
| | NZ | 107,6 |
| | US | 124,6 |
| | UY | 70,5 |
| | ZA | 79,5 |
| | ZZ | 85,4 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 362/2009

## tal-4 ta' Mejju 2009

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 348/2009 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan immodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.

([4]) ĠU L 106, 28.4.2009, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-5 ta' Mejju 2009**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 28,95 | 2,60 |
| 1701 11 90 (1) | 28,95 | 7,06 |
| 1701 12 10 (1) | 28,95 | 2,47 |
| 1701 12 90 (1) | 28,95 | 6,63 |
| 1701 91 00 (2) | 31,29 | 9,59 |
| 1701 99 10 (2) | 31,29 | 5,07 |
| 1701 99 90 (2) | 31,29 | 5,07 |
| 1702 90 95 (3) | 0,31 | 0,34 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 363/2009**

**tal-4 ta’ Mejju 2009**

**li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1974/2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta’ Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ([1]) [traduzzjoni mhux uffiċjali] u b’mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, li jistabbilixxi l-qafas legali għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali tal-FAEŻR madwar il-Komunità, ġie emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 tad-19 ta’ Jannar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ([2]). Konsegwentement, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 ([3]) għandu jiġi kkumplimentat minn regoli addizzjonali dettaljati ta’ implimentazzjoni.

(2) L-iskadenza tal-kwota tal-ħalib skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([4]) jeżiġu sforzi speċifiċi minn produtturi tal-ħalib. Huwa għalhekk xieraq li, b’effett mill-bidu tal-perjodu ta’ programmar, jitneħħa l-limitu ta’ appoġġ għal investiment għal farms tal-ħalib biex jibqgħu fil-limiti tal-kwoti tal-produzzjoni allokati lill-farm individwali.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 74/2009 introdotta l-ħtieġa tar-reviżjoni tal-pjanijiet nazzjonali strateġiċi. Il-kontenut minimu ta’ din ir-reviżjoni għandu jiġi ddefinit.

(4) Minħabba l-importanza tal-prijoritajiet stipulati fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, ir-reviżjonijiet tal-programmi tal-iżvilupp rurali wara l-ewwel implimentazzjoni ta’ dak l-Artikolu, għandhom jitqiesu bħala reviżjonijiet skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u jiġu soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 100.
([3]) ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15.
([4]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 74/2009 identifika lista ta’ effetti potenzjali li l-operazzjonijiet marbuta mal-prijoritajiet msemmija fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jimmiraw li jiksbu. Billi din il-lista mhiex eżawrjenti, effetti potenzjali oħrajn jistgħu jiġu proposti minn Stati Membri, li l-operazzjonijiet imsemmija hawn fuq jimmiraw li jiksbu. Madankollu, sabiex tkun żgurata konsistenza mal-effetti potenzjali diġà identifikati u mal-iskop ġenerali li jissaħħu l-operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda, l-għażla għal Stati Membri biex jipproponu effetti potenzjali oħrajn bħal dawn għandha tkun soġġetta għall-reviżjoni mill-Kummissjoni u għall-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali. Għalhekk, modifikazzjonijiet li jintroduċu effett potenzjali ġdid għandhom ikunu soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(6) Minħabba l-għadd kbir ta’ każijiet li fihom ir-reviżjonijiet jikkonċernaw eċċezzjoni ta’ importanza iktar baxxa minn prinċipji ta’ dimarkazzjoni bejn organizzazzjonijiet komuni tas-suq u żvilupp rurali u sabiex il-piż amministrattiv jiġi limitat, il-Kummissjoni ma għandhiex tibqa’ tadotta deċiżjonijiet dwar reviżjonijiet ta’ tibdiliet relatati mal-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Għalhekk, din il-kategorija ta’ reviżjoni għandha titħassar mil-lista tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006.

(7) Għandhom jiġu speċifikati l-kontenut u l-kriterji tal-pjanijiet tan-negozju rigward appoġġ għal azjendi li qed jiġu ristrutturati minħabba riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-suq.

(8) Wara t-tneħħija tal-“miżura tas-serħan tal-art” skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta’ Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([5]), id-dispożizzjonijiet li jirreferu għal din il-miżura għandhom jiġu adattati.

([5]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

(9) Sabiex titħaffef il-kisba ta' proġetti ta' investiment fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, il-limitu massimu ta' ħlasijiet bil-quddiem għandu jogħla fl-2009 u l-2010.

(10) Huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet dwar għanjuna mill-Istat għal ċerti miżuri kofinanzjati mill-FAEŻR u dwar finanzjament nazzjonali addizzjonali jiġu adattati sabiex ikun iċċarat l-iskop tagħhom ta' applikazzjoni u sabiex titqies il-miżura l-ġdida fuq azjendi li qed jiġu ristrutturati minħabba riforma ta' organizzazzjoni komuni tas-suq introdottata bir-Regolament (KE) Nru 74/2009.

(11) Ma hemmx bżonn ta' definizzjoni tat-terminu "proposti sostanzjali għal tibdil" fl-Artikolu 78(f) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

(12) Sabiex jippermettu monitoraġġ tal-azzjonijiet relatati mal-prijoritajiet stipulati fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, indikaturi tal-produzzjoni u miri relatati, li jagħmlu parti mil-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 80 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu speċfikati skont it-tip ta' operazzjoni.

(13) L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar it-tipi ta' operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 fil-programmi reveduti tagħhom, u jindikaw liema minn dawn l-operazzjonijiet huma bbażati fuq miżuri ġodda, jiġifieri miżuri li għadhom ma ġewx approvati mill-programm tal-iżvilupp rurali. Barra minn hekk, iridu juru l-kontribuzzjoni indikattiva tal-FAEŻR għall-2010-2013. Għal dan il-għan, l-annessi għar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 għandhom jiġu emendati.

(14) Għall-konsistenza mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 74/2009, li miegħu jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009. Applikazzjoni retroattiva bħal din ma għandhiex tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali tal-benefiċjarji konċernati.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 1974/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(16) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Iżvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1974/2006 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. B'eċċezzjoni għas-settur tal-ħalib, fejn organizzazzjoni komuni tas-suq, inklużi l-iskemi ta' appoġġ dirett, iffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), tippreżenta restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew limitazzjonijiet fuq l-appoġġ Komunitarju fil-livell ta' bdiewa individwali, azjendi jew impjanti tal-ipproċessar, l-ebda investiment ma għandu jkun appoġġjat taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jekk ikun ser iżid il-produzzjoni 'l fuq minn dawk ir-restrizzjonijiet jew il-limitazzjonijiet.";

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"*Artikolu 3a*

Ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet nazzjonali strateġiċi skont l-Artikolu 12a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandhom jinkludu reviżjoni tal-elementi rilevanti stipulati fl-Artikolu 11(3) ta' dak ir-Regolament, li huma relatati mal-prijoritajiet previsti fl-Artikolu 16a(1) ta' dak ir-Regolament, u b'mod partikolari, tal-għanijiet ewlenin kwantifikati.

L-Istrateġija Nazzjonali għandha tidentifika l-kontribuzzjoni indikattiva jew stmata tal-FAEŻR msemmija fl-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 allokata għal kull waħda mill-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 16a(1) ta' dak ir-Regolament fl-Istat Membru u għandu jkun fiha l-ispjegazzjonijiet xierqa relatati mal-allokazzjoni.";

(3) Fl-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kontenut tal-programmi għall-iżvilupp rurali kif imsemmija fl-Artikolu 16 u 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jkun stabbilit bi qbil mal-Anness II għal dan ir-Regolament.";

(4) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) jinbidel b'li ġej:

"(d) ir-reviżjoni tirreferi għall-ewwel implimentazzjoni tal-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) ir-reviżjoni tintroduċi effett potenzjali ieħor, mhux elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, relatat mal-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 16a tal-istess Regolament.";

(5) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. It-tibdiliet fil-programmi mill-Istati Membri kif imsemmija fl-Artikolu 6(1)(c) jistgħu jinvolvu tibdiliet fit-tqassim finanzjarju skont il-miżura fi ħdan assi kif ukoll tibdiliet mhux finanzjarji li jikkonċernaw l-introduzzjoni ta' miżuri u tipi ta' operazzjonijiet ġodda, l-irtirar ta' miżuri u tipi ta' operazzjonijiet eżistenzi, it-tibdiliet relatati mal-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew informazzjoni dwar u deskrizzjoni ta' miżuri eżistenti fil-programm.";

(6) Jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

"*Artikolu 24a*

Il-pjan tan-negozju msemmi fl-Artikolu 35a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu:

(a) jiddeskrivi l-aspetti ewlenin tar-ristrutturar ippjanat, inkluż id-diversifikazzjoni 'l barra mill-attivitajiet agrikoli;

(b) jidentifika għanijiet speċifiċi.";

(7) Fl-Artikolu 27(6) jitħassar l-ewwel subparagrafu;

(8) Fl-Artikolu 46 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-impenji effettwati mit-tneħħija tas-serħan tal-art wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Fuq talba tal-benefiċjarju, l-aġġustamenti ta' impenji bħal dawn jistgħu jitħallew ukoll f'każ li ma jkunx hemm provdut klawsola ta' reviżjoni.";

(9) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 56(2), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Fil-każ ta' investimenti li għalihom fl-2009 jew fl-2010 tkun ittieħdet deċiżjoni individwali li jingħata appoġġ, l-ammont tal-ħlasijiet bil-quddiem jista' jiżdied sa 50 % tal-għajnuna pubblika relatata ma' dak l-investiment.";

(10) Fl-Artikolu 57, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Programmi tal-iżvilupp rurali jistgħu biss ikopru ħlasijiet li jsiru minn Stati Membri għall-iżvilupp rurali, li jaqgħu 'l barra mill-ambitu tal-Artikolu 36 tat-Trattat, favur miżuri skont l-Artikoli 25, 43 sa 49 u 52 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u operazzjonijiet taħt il-miżuri skont l-Artikoli 21, 24, 28, 29, 30 u 35a ta' dak ir-Regolament jew finanzjament nazzjonali addizzjonali, li jaqa' 'l barra mill-ambitu tal-Artikolu 36 tat-Trattat, favur il-miżuri skont l-Artikoli 25, 27, 43 sa 49 u 52 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u l-operazzjonijiet taħt miżuri skont l-Artikoli 21, 24, 28, 29, 30 u 35a ta' dak ir-Regolament jekk l-għajnuna mill-Istat hija identifikata skont il-punt 9.B tal-Anness II għal dan ir-Regolament.";

(11) Fit-Taqsima 4 "Monitoraġġ u Evalwazzjoni", jiddaħħal l-Artikolu 59a li ġej:

"*Artikolu 59a*

Għall-għanijiet tal-Artikolu 78, il-punt (f) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, 'proposti sostanzjali għal tibdil' għandhom jinkludu t-tibdiliet li għalihom jeħtieġ bilfors deċizjoni tal-Kummissjoni u t-tibdiliet imsemmija fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament għajr it-tibdiliet relatati mal-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u t-tagħrif dwar u d-deskrizzjoni ta' miżuri eżistenti fil-programm.";

(12) Fl-Artikolu 62(1), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għal miżuri li fihom tipi ta' operazzjonijiet kif speċifikat fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 indikaturi tal-produzzjoni u miri indikattivi għal indikaturi tal-produzzjoni għandhom jinqasmu skont it-tipi ta' operazzjonijiet.";

(13) Fl-Artikolu 63(8), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"F'każijiet ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, u b'mod partikolari meta s-Sistema ma taħdimx tajjeb f'nuqqas ta' konnessjoni dejjiema, l-Istat Membru jista' jippreżenta d-dokumenti lill-Kummissjoni b'kopja fuq karta jew b'mezzi oħra elettroniċi adattati. Din il-preżentazzjoni ta' kopji fuq karta jew b'mezzi oħra elettroniċi għandha teħtieġ notifika minn qabel lill-Kummissjoni.";

(14) L-Annessi I, II, VII, u VIII huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009. Madankollu l-punt (1) tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 għandhom jiġu emendati kif ġej:

(1) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS I*

**Skemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 2(2)**

— Frott u Ħxejjex (il-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IV, it-Taqsima IVa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*))

— Inbid (It-Titolu II, il-Kapitolu I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 (**))

— Tabakk (il-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IV, it-Taqsima V tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

— Żejt taż-Żebbuġa (il-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IV, it-Taqsima IV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

— Ħops (l-Artikolu 68a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003)

— Naħaġ u Mogħoż (l-Artikolu 102(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (***))

— Trobbija tan-naħal (it-Titolu I, il-Kapitolu IV, it-Taqsima VI tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

— Zokkor (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 (****))

— Miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda (It-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill Nru 247/2006) (*****) u l-Gżejjer iż-żgħar tal-Eġew (Il-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006) (******)

— Ħlasijiet diretti (l-Artikoli 41(3) u 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009)

(*) ĠU L 299, 2.10.2007, p. 1.
(**) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
(***) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
(****) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.
(*****) ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1.
(******) ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1."

(2) L-Anness II qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 5.2, it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej

"— Konferma li għall-miżuri skont l-Artikoli 25, 43 sa 49 u 52 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u għal operazzjonijiet taħt il-miżuri skont l-Artikoli 21, 24, 28, 29, 30 u 35a ta' dak ir-Regolament li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artikolu 36 tat-Trattat, li tiġi żgurata l-osservanza tal-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat u l-kriterji materjali tal-kompatibbiltà, b'mod partikolari l-limitu ta' għajnuna tal-appoġġ pubbliku totali skont l-Artikoli 87 u 89 tat-Trattat.";

(b) Il-punt 5.3, jinbidel b'dan li ġej:

"5.3. *Informazzjoni meħtieġa għall-Assi u l-miżuri*

It-tagħrif speċifiku li ġej, inkluż tagħrif dwar it-tipi speċifiċi ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, huwa meħtieġ għal miżuri:";

(ċ) Il-punt 5.3.1.4 jinbidel b'dan li ġej:

"5.3.1.4. ***Miżuri tranżizzjonali***";

(d) Jiddaħħal il-punt li ġej:

"5.3.1.4.4. Azjendi li għaddejjin minn ristrutturar minħabba riforma ta' organizzazzjoni komuni tas-suq;

— denominazzjoni tar-riformi tal-organizzazzjoni komuni tas-suq involuti;

— sommarju tar-rekwiżiti tal-pjan tan-negozju;

— l-ammont u t-tul ta' żmien tal-appoġġ.";

(e) Jiddaħħal il-punt li ġej:

"5.3.6. ***Lista ta' tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a (3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 sal-ammonti msemmija fl-Artikolu 69(5a) ta' dak ir-Regolament.***

| Assi/Miżura | Tip ta' operazzjoni | Effetti potenzjali | Tip 'eżistenti' jew 'ġdid' ta' operazzjoni | Referenza għad-deskrizzjoni tat-tip ta' operazzjoni fil-Programm ta' Żvilupp Rurali (RDP) | Indikatur tal-produzzjoni - mira |
|---|---|---|---|---|---|
| Assi 1<br>Miżura 111 | … | … | | | |
| Miżura ... | … | … | | | |
| Assi 2<br>Miżura 211 | … | … | | | |
| Miżura ... | … | … | | | |
| Assi 3<br>Miżura 311 | … | … | | | |
| Miżura ... | | | | | |
| Assi 4<br>Miżura 411 | … | … | | | |
| Miżura ... | | | | | |

*NB:* Il-kolonna 'tip eżistenti jew ġdid ta' operazzjoni' għandha tindika jekk it-tip ta' operazzjoni relatat mal-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 kinitx diġà inkluża fil-verżjoni tal-RDP applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2008. F'dan il-kuntest modifikazzjonijiet ta' tipi eżistenti ta' operazzjonijiet jiġu kkunsidrati wkoll bħala 'tipi ġodda ta' operazzjonijiet.' "

(f) It-Tabella 6.1 tinbidel b'dan li ġej:

"6.1. *Il-Kontribuzzjonijiet annwali mill-FAEŻR (f'EUR);*

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Reġjuni mhux ta' konverġenza | | | | | | | |
| Reġjuni ta' Konverġenza (*) | | | | | | | |
| Reġjuni l-aktar imbiegħda u l-Gżejjer iż-żgħar tal-Eġew (**) | | | | | | | |
| Modulazzjoni volontarja (***) | | | | | | | |
| Kontribuzzjoni addizzjonali għall-Portugall | | | | | | | |
| Fondi addizzjonali mill-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 – reġjun mhux ta' konverġenza | | | | | | | |
| Fondi addizzjonali mill-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 – reġjun ta' konverġenza (****) | | | | | | | |
| Total | | | | | | | |

(*) Għal Stati Membri b'reġjuni ta' konverġenza.
(**) Għal Stati Membri b'reġjuni l-iktar imbiegħda jew il-Gżejjer iż-żgħar tal-Eġew
(***) Għal Stati Membri li japplikaw modulazzjoni volontarja skont ir-Regolament (KE) Nru 378/2007.
(****) Għal Stati Membri li jirċievu fondi addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 ma' reġjuni ta' konverġenza."

(g) Nota fil-qiegħ tal-paġna (1) li r-referenza tagħha qiegħda fl-aħħar tat-titolu għat-Tabella 6.2 tinbidel b'li ġej:

"([1]) It-Tabella 6.2 jeħtieġ tiġi replikata għal kull subammont tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR murija f'ringiela waħda f'Tabella 6.1.";

(h) Jiddaħħal il-punt 6.3 li ġej:

"6.3. *Baġit indikattiv relatat ma' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) 1698/2005 bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2013 (l-Artikolu 16a (3)(b) sal-ammonti speċifikati fl-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005).*

| Assi/Miżura | Kontribuzzjoni FAEŻR għall-2010-2013 |
|---|---|
| Assi 1<br>Miżura 111 | … |
| Miżura ... | … |
| Assi 2<br>Miżura 211 | … |
| Miżura ... | … |
| Assi 3<br>Miżura 311 | … |
| Miżura ... | |
| Assi 4<br>Miżura 411 | … |
| Miżura ... | |
| Assi 1, 2, 3 u 4, total | …" |

(i) Fil-punt 7, jiddaħħal il-kodiċi 144 li ġej:

"(144) Azjendi li għaddejjin minn ristrutturar minħabba riforma ta' organizzazzjoni komuni tas-suq";

(j) Fil-punt 9(B), il-kliem ta' introduzzjoni tal-ewwel subparagrafu jinbidlu b' dan li ġej:

"Għall-miżuri skont l-Artikoli 25, 27 (għal tal-aħħar għal finanzjament nazzjonali addizzjonali biss kif imsemmi fl-Artikolu 89 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005), 43 sa 49 u 52 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u operazzjonijiet għall-miżuri skont l-Artikoli 21, 24, 28, 29, 30 u 35a ta' dak ir-Regolament li jaqgħu 'l barra mill-ambitu tal-Artikolu 36 tat-Trattat, jew:";

(3) L-Anness VII qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 2, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Kull Stat Membru li jirċievi riżorsi finanzjarji addizzjonali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 (*), minħabba modulazzjoni skont dak ir-Regolament, flimkien ma', mill-2011, l-ammonti ta' fondi mhux użati għandhom jinkludi mill-2011 kapitolu separat li fih tal-anqas l-istess analiżi kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel rigward operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 16a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Għall-Istati Membri ġodda, għajr il-Bulgarija u r-Rumanija dan l-obbligu se jkun effettiv mill-2014.

L-Istati Membri li japplikaw il-miżura l-ġdida '144 Azjendi li għadejjin minn ristrutturar' għandhom jirraportaw dwar il-kisbiet li jkunu ntlaħaqu fir-rigward tal-għanijiet tal-miżura.

(*) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 100."

(b) Jiddaħħal il-punt 3a li ġej:

“3*a*. L-implimentazzjoni finanzjara tal-programm rigward operazzjonijiet relatati mal-isfidi ġodda, billi tingħata, għal kull miżura, dikjarazzjoni tan-nefqiet imħallsa lil benefiċjarji wara l-1 ta’ Jannar 2010 għal tipi ta’ operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a(1) tar-Regolament (KE) Nru1698/2005 u l-ammonti msemmija fl-Artikolu 69(5a) ta’ dak ir-Regolament.

It-tabella li turi sommarju tal-implimentazzjoni finanzjarja ta’ dawn it-tipi ta’ operazzjonijiet għandha tal-anqas ikollha t-tagħrif li ġej:

| Assi/Miżura | Ħlasijiet annwali-sena N | Ħlasijiet kumulattivi mis-sena 2010 sas-sena N |
|---|---|---|
| Miżura 111 | … | … |
| Miżura ... | | |
| Total, Assi 1 | … | … |
| Miżura 211 | … | … |
| Miżura ... | | |
| Total, Assi 2 | … | … |
| Miżura 311 | … | … |
| Miżura ... | | |
| Total, Assi 3 | … | … |
| Miżura 411 | … | … |
| Miżura ... | | |
| Total, Assi 4 | … | … |
| Total tal-programm | … | …” |

(4) Fl-Anness VIII, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja taħt il-punt II INDIKATURI KOMUNI TAL-PRODUZZJONI fl-aħħar tal-lista li tikkonċerna l-Assi 1:

| Kodiċi | Miżura | Indikaturi ta’ produzzjoni (*) |
|---|---|---|
| “144 | Azjendi li għaddejjin minn ristrutturar minħabba riforma ta’ organizzazzjoni komuni tas-suq | Għadd ta’ azjendi li rċevew appoġġ” |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 364/2009

## tal-4 ta' Mejju 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 360/2009 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta' Mejju 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mill-1 ta' Mejju 2009 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 360/2009 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji ta' l-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji ta' l-importazzjoni ffissati bir-Regolament (KE) Nru 360/2009.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 360/2009 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 360/2009 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-5 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([3]) ĠU L 110, 1.5.2009, p. 27.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-5 ta' Mejju 2009**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni (¹) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 37,15 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 12,61 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ (²) | 12,61 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 37,15 |

(¹) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(²) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

1.5.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ ([1]) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja ([2]) | Qamħ iebes kwalità baxxa ([3]) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 197,12 | 122,70 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 207,54 | 197,54 | 177,54 | 108,89 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 11,64 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar | 12,66 | — | — | — | — | — |

([1]) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([2]) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([3]) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 15,07 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Ghadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 16,57 EUR/t |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2009/24/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' April 2009**

**dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter**

**(Verżjoni kodifikata)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li ikkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li ikkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li ikkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2])

Billi:

(1) Il-kontenut tad-Direttiva 91/250/KEE tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 1991 dwar il-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter ([3]) ġie emendat ([4]). Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) L-iżvilupp ta' programmi tal-kompjuter jeħtieġ investiment ta' riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji konsiderevoli, filwaqt li programmi tal-kompjuter jistgħu jiġu ikkupjati b'parti tal-ispiża meħtieġa għall-iżvilupp tagħhom indipendentement.

(3) Il-programmi tal-kompjuter qegħdin ikollhom parti dejjem aktar importanti fil-firxa wiesa' tal-industriji u t-teknoloġija tal-programmi tal-kompjuter tista' f'dan is-sens tiġi ikkunsidrata li hi ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp industrijali tal-Komunità.

(4) Ċerti differenzi fil-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter offruta bil-liġijiet tal-Istati Membri għandhom effetti diretti u negattivi fuq it-tħaddim tas-suq intern dwar programmi tal-kompjuter.

(5) Differenzi eżistenti li jkollhom dawn l-effetti hemm bżonn li jitneħħew u oħrajn ġodda ma jitħallewx jinqalgħu, filwaqt li d-differenzi li ma jkollhomx effett kontra it-tħaddim tas-suq intern sa grad sostanzjali m'għandhomx bżonn li jitneħħew jew li ma jitħallewx li jqumu.

(6) Il-qafas legali tal-Komunità dwar il-protezzjoni ta' programmi tal-kompjuter jista' f'dan is-sens primarjament ikun limitat li jistabbilixxi li Stati Membri għandhom jagħtu protezzjoni lill-programmi tal-kompjuter skont liġi tad-drittijiet tal-awtur bħal xogħlijiet letterarji u, ukoll, biex jiġi stabbilit min jew xiex għandu jkun protett, id-drittijiet esklussivi li permezz tagħhom persuni protetti għandhom ikunu jistgħu jafdaw sabiex jawtorizzaw jew jipprojbixxu ċerti atti u għal kemm żmien il-protezzjoni għandha tapplika.

(7) Għall-fini ta' din id-Direttiva, it-terminu "programm tal-kompjuter" għandu jinkludi programmi f'kull forma, inklużi dawk li jkunu mdaħħla fil-hardware. Dan it-terminu jinkludi wkoll xogħol preparatorju ta' disinn li jwassal għall-iżvilupp ta' programm tal-kompjuter kemm-il darba n-natura tax-xogħol preparatorju huwa hekk li programm tal-kompjuter jista' jirriżulta minnu fi stadju aktar 'il quddiem.

(8) Fir-rigward tal-kriterji li għandhom jiġu applikati biex jistabbilixxu jekk programm tal-kompjuter huwiex oriġinali jew le, ebda testijiet m'għandhom jiġu applikati dwar il-merti kwalitattivi jew estetiċi tal-programm.

([1]) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 24.
([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2009.
([3]) ĠU L 122, 17.5.1991, p. 42.
([4]) Ara l-Anness I, Parti A.

(9) Il-Komunità hija impenjata bi sħiħ għall-promozzjoni ta' standardizzazzjoni internazzjonali.

10) Il-funzjoni ta' programm tal-kompjuter hija li jikkomunika u jaħdem flimkien ma' komponenti oħra f'sistema ta' kompjuters u ma' utenti u, għal dan l-iskop, interkonnessjoni u interazzjoni loġika u, fejn ikun xieraq, waħda fiżika hija meħtieġa biex tippermetti l-elementi kollha tas-software u hardware li jaħdmu ma' software u hardware ieħor u ma' utenti fil-modi kollha li fihom huma maħsuba li jiffunzjonaw. Il-partijiet tal-programm li jipprovdu għal din l-interkonnessjoni u l-interazzjoni bejn l-elementi tas-software u l-hardware huma ġeneralment magħrufa bħala "interfaces". Din l-interkonnessjoni u l-interazzjoni funzjonali hija ġeneralment magħrufa bħala "interoperabilità"; din l-interoperabilità tista' tiġi imfissra bħala l-kapaċità li tagħmel skambju tal-informazzjoni u li tuża' b'mod reċiproku l-informazzjoni li tkun ġiet skambjata.

(11) Biex jiġi evitat id-dubju, għandu jkun ċar li l-espressjoni biss ta' programm tal-kompjuter hija protetta u li l-ideat u prinċipji li jservu ta' bażi għal kull element fil-programm, inklużi dawk li jservu ta' bażi għall-interfaces tiegħu, mhumiex protetti bid-drittijiet tal-awtur skont din id-Direttiva. Skont dan il-prinċipju tad-drittijiet tal-awtur, sal-punt li l-loġika, l-algoritmi u lingwi tal-programmi jinkludu ideat u prinċipji, dawk l-ideat u prinċipji mhumiex protetti skont din id-Direttiva. Skont il-leġiżlazzjoni u l-każistika tal-Istati Membri u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur, l-espressjoni ta' dawk l-ideat u l-prinċipji għandha tkun protetta bid-drittijiet tal-awtur.

(12) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "kirja" ifisser li tagħmel disponibbli għall-użu, għal perijodu limitat ta' żmien u għal finijiet ta' qligħ, programm ta' kompjuter jew kopja tiegħu. Dan it-terminu ma jinkludix self lill-pubbliku, li, f'dan is-sens, jibqa' barra mill-iskop ta' din id-Direttiva.

(13) Id-drittijiet esklussivi tal-awtur li jipprevjenu r-riproduzzjoni mhux awtorizzata ta' dan ix-xogħol għandhom ikunu soġġetti għall-eċċezzjoni limitata fil-każ ta' programm tal-kompjuter li tippermetti r-riproduzzjoni teknika meħtieġa għall-użu ta' dak il-programm minn min jiksbu legalment. Dan ifisser li l-atti li jtellgħu u jħaddmu, meħtieġa għall-użu ta' kopja ta' programm li jkun inkiseb legalment, u l-att ta' korrezzjoni tal-iżbalji tiegħu, jistgħu ma jkunux projbiti b'kuntratt. Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali speċifiċi, inkluż meta kopja ta' programm tkun inbiegħet, kull att ieħor meħtieġ għall-użu tal-kopja ta' programm jista' jitwettaq skont l-iskop maħsub tiegħu minn min ikun kiseb legalment dik il-kopja.

(14) Persuna li għandha d-dritt li tuża programm tal-kompjuter m'għandhiex tkun ipprojbita milli twettaq atti meħtieġa biex tosserva, tistudja jew tittestja l-iffunzjonar tal-programm, kemm-il darba dawk l-atti ma jiksrux id-drittijiet tal-awtur fil-programm.

(15) Ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, adattament jew trasformazzjoni mhix awtorizzata tal-forma taċ-ċifrarju li fih kopja ta' programm tal-kompjuter tkun saret disponibbli, tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet esklussivi tal-awtur. Minkejja dan, jistgħu jeżistu ċirkostanzi meta din ir-riproduzzjoni taċ-ċifrarju u t-traduzzjoni tal-forma tiegħu huma indispensabbli biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa biex tikseb l-interoperabilità ta' programm maħluq indipendentement minn programmi oħra. Għalhekk għad għandu jiġi ikkunsidrat li dawn iċ-ċirkostanzi limitati biss, twettiq tal-atti ta' riproduzzjoni u traduzzjoni minn jew f'isem persuna li għandha d-dritt li tuża' kopja tal-programm hija leġittima u kompatibbli ma' prattika ġusta u għandha għalhekk titqies li ma jkollhiex bżonn l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-dritt. Skop ta' din l-eċċezzjoni huwa li jagħmilha possibbli li jikkonnettja l-komponenti kollha ta' sistema tal-kompjuter, inklużi dawk ta' manifatturi differenti, biex ikunu jistgħu jaħdmu flimkien. Din l-eċċezzjoni tad-drittijiet esklussivi tal-awtur ma tistax tintuża' b'mod li tippreġudika l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet jew li tmur kontra l-isfruttar normali tal-programm.

(16) Protezzjoni ta' programmi tal-kompjuter skont liġijiet tad-drittijiet tal-awtur għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, f'każi xierqa, ta' forom oħra ta' protezzjoni. B'danakollu, kull dispożizzjoni kuntrattwali kontrarja għad- dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija għar-rigward id-dekumpilazzjoni jew għall-eċċezzjonijiet li hemm previsti b'din id-Direttiva għar-rigward l-għemil ta' kopja ta' rinforz jew għall-osservazzjoni, l-istudju jew l-ittestjar tal-funzjonament ta' programm għandha tkun nulla u bla effett.

(17) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni skont l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat jekk fornitur dominanti jirrifjuta li jagħmel disponibbli l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-interoperabilità kif imfissra f'din id-Direttiva.

(18) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi tal-liġi tal-Komunità li tkun diġà għaddiet dwar il-pubblikazzjoni ta' interfaces fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet jew Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tal-informatika u t-telekomunikazzjoni.

(19) Din id-Direttiva ma taffettwax derogi li hemm provdut dwarhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skont il-Konvenzjoni ta' Berna fuq punti li m'humiex regolati b'din id-Direttiva.

(20) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri għar-rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**L-għan tal-protezzjoni**

1. Skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipproteġu programmi tal-kompjuter, bid-drittijiet tal-awtur, bħala xogħlijiet letterarji skont it-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artisitiċi. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "programmi tal-kompjuter" għandu jinkludi l-materjal preparatorju tad-disinn tagħhom.

2. Protezzjoni skont din id-Direttiva għandha tapplika għall-espressjoni f'kull forma ta' programm tal-kompjuter. Ideat u prinċipji li jservu ta' bażi għal kull element ta' programm tal-kompjuter, inklużi dawk li jservu ta' bażi għall-interfaces tiegħu, m'humiex protetti bid-drittijiet tal-awtur skont din id-Direttiva.

3. Programm tal-kompjuter għandu jkun protett jekk ikun oriġinali fis-sens li jkun il-ħolqien intellettwali tal-awtur stess. L-ebda kriterji oħra ma għandhom jiġu applikati biex tiġi stabbilita l-eliġibilità tiegħu għall-protezzjoni.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jgħoddu wkoll għall-programmi maħluqa qabel l-1 ta' Jannar tal-1993 mingħajr preġudizzju għal kull att konkluż u drittijiet miksuba qabel dik id-data.

*Artikolu 2*

**L-awtur ta' programmi tal-kompjuter**

1. L-awtur ta' programm tal-kompjuter għandu jkun il-persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jkun ħoloq il-programm jew, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tippermetti, il-persuna ġuridika maħtura bħala detentur tad-drittijiet minn dik il-leġiżlazzjoni.

Fejn xogħlijiet kollettivi huma rikonoxxuti bil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, il-persuna ikkunsidrata mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li tkun ħolqot ix-xogħol għandha titqies bħala l-awtur tiegħu.

2. Fir-rigward ta' programm tal-kompjuter maħluq minn grupp ta' persuni fiżiċi flimkien, id-drittijiet esklussivi għandhom ikunu ipposseduti flimkien.

3. Fejn programm tal-kompjuter jinħoloq minn impjegat fit-twettiq ta' dmirijietu jew billi jsegwi struzzjonijiet mogħtija mill-prinċipal tiegħu, il-prinċipal b'mod esklussiv għandu jkun intitolat biex jeżerċita d-drittijiet ekonomiċi kollha fil-programm hekk maħluq, kemm-il darba ma jkunx hemm provdut mod ieħor bil-kuntratt.

*Artikolu 3*

**Il-benefiċjarji tal-protezzjoni**

Protezzjoni għandha tingħata lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha eliġibbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur kif applikata għal xogħlijiet letterarji.

*Artikolu 4*

**Atti ristretti**

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 6, id-drittijiet esklussivi tad-detentur tad-drittijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 2 għandhom jinkludu d-dritt li jagħmlu jew li jawtorizzaw:

(a) ir-riproduzzjoni permanenti jew temporanja ta' programm tal-kompjuter b'kull mezz u f'kull forma, f'parti jew kollha. In kwantu għat-tlugħ, wiri, tħaddim, trasmissjoni jew ħażna tal-programm tal-kompjuter ikun hemm bżonn din ir-riproduzzjoni, dawn l-atti għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni mid-detentur tad-drittijiet;

(b) it-traduzzjoni, addattament, arranġament u kull alterazzjoni oħra ta' programm tal-kompjuter u r-riproduzzjoni tar-riżultati tagħhom, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-persuna li tibdel il-programm;

(c) kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, inkluż il-kiri, tal-programm oriġinali tal-kompjuter jew kopji tiegħu.

2. L-ewwel bejgħ fil-Komunità ta' kopja ta' programm mid-detentur tad-drittijiet jew bil-kunsens tiegħu għandu jeżawrixxi d-dritt ta' distribuzzjoni fil-Komunità ta' dik il-kopja, bl-eċċezzjoni tad-dritt biex jikkontrolla aktar il-kiri tal-programm jew kopja tiegħu.

*Artikolu 5*

**Eċċezzjonijiet għall-atti ristretti**

1. Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi kuntrattwali, l-atti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(1) m'għandhomx jeħtieġu awtorizzazzjoni mid-detentur tad-drittijiet fejn ikunu meħtieġa għall-użu tal-programm tal-kompjuter minn min jiksbu legalment skont il-fini maħsub tiegħu, inkluża l-korrezzjoni ta' żball.

2. It-twettiq ta' kopja ta' rinforz minn persuna li jkollha dritt li tħaddem il-programm tal-kompjuter tista' ma tkunx miżmuma b'kuntratt għal kemm żmien ikun meħtieġ għal dak l-użu.

3. Il-persuna li jkollha dritt tuża kopja ta' programm tal-kompjuter għandha tkun intitolata, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet, li tosserva, tistudja jew tittestja l-funzjonament tal-programm sabiex tiddeċiedi l-ideat u l-prinċipji li huma l-bażi ta' kull element tal-programm jekk hu jagħmel hekk waqt li jkun iwettaq kull att ta' tlugħ, wiri, tħaddim, trasmissjoni jew ħażna ta' programm li hu jkun intitolat li jagħmel.

*Artikolu 6*

**Dekumpilazzjoni**

1. L-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet m'għandhiex tkun meħtieġa fejn ir-riproduzzjoni taċ-ċifrarju u t-traduzzjoni tal-forma tiegħu skont it-tifsira tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(1) huma indispensabbli biex tottjeni l-informazzjoni meħtieġa biex tikseb l-interoperabilità ta' programm tal-kompjuter maħluq indipendentement minn programmi oħra, kemm-il darba jsiru skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawk l-atti jitwettqu mill-persuna li tingħatalha l-liċenzja jew minn persuna oħra li jkollha d-dritt li tuża' kopja ta' programm, jew f'isimhom minn persuna awtorizzata li tagħmel dan;

(b) l-informazzjoni meħtieġa biex tikseb l-interoperabilità ma tkunx minn qabel disponibbli għall-persuni msemmija fil-punt (a); u

(c) dawk l-atti jkunu limitati għall-partijiet tal-programm oriġinali li huma meħtieġa biex jiksbu l-interoperabilità.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx jippermettu l-informazzjoni miksuba permezz tal-applikazzjoni tiegħu:

(a) li tintuża għal għanijiet oħra għajr biex tikseb l-interoperabilità tal-programm tal-kompjuter maħluq indipendentement;

(b) li tingħata lill-oħrajn, għajr meta jkun meħtieġ għall-interoperabilità ta' programm tal-kompjuter maħluq indipendentement; jew

(c) li tintuża għall-iżvilupp, produzzjoni jew kummerċ ta' programm tal-kompjuter sostanzjalment simili fl-espressjoni tiegħu, jew għal kull att ieħor li jikser id-drittijiet tal-awtur.

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jistgħux jiġu interpretati b'mod li jippermettu l-applikazzjoni tiegħu li tintuża b'mod li tippreġudika b'mod mhux raġunat l-interessi ġusti tad-detentur leġittimu jew imorru kontra l-isfruttar normali tal-programm tal-kompjuter.

*Artikolu 7*

**Miżuri speċjali ta' protezzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4, 5 u 6, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, rimedji xierqa kontra persuna li tikkommetti xi wieħed mill-atti li ġejjin:

(a) kull att li jqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni kopja ta' programm tal-kompjuter waqt li jaf, jew li jkollu raġuni għalfejn jemmen, li hija kopja illegali;

(b) il-pussess, għal finijiet kummerċjali, ta' kopja ta' programm tal-kompjuter waqt li jkun jaf, jew ikollu raġuni għalfejn jemmen, li tkun kopja illegali;

(c) kull att li jqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni, jew il-pussess għal finijiet kummerċjali ta' kull mezz li l-uniku għan maħsub għalih hu li jħaffef, li jneħħi mingħajr awtorità jew li jeħles minn xi strument tekniku li jista' jkun applikat biex jipproteġi programm tal-kompjuter.

2. Kull kopja illegali ta' programm tal-kompjuter tista' tiġi sekwestrata skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru interessat.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għas-sekwestru b'kull mezz imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

*Artikolu 8*

**Applikazzjoni kontinwa ta' dispożizzjonijiet legali oħra**

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni legali oħra bħal dik dwar id-drittijiet tal-privattivi, trademarks, kompetizzjoni inġusta, sigrieti tas-sengħa, protezzjoni ta' prodotti semikundutturi jew liġi ta' kuntratt.

Kull dispożizzjoni kuntrattwali kuntrarja għall-Artikolu 6 jew għall-eċċezzjonijiet li hemm provdut dwarhom fl-Artikolu 5(2) u (3) għandhom ikunu nulli u bla effett.

*Artikolu 9*

**Komunikazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 10*

**Deroga**

Id-Direttiva 91/250/KEE, kif emendata mid-Direttiva imniżżla fl-Anness I, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri għar-rigward il-limiti ta’ żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B.

Riferenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala riferenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 12*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strażburgu, 23 ta’ April 2009.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. NEČAS

*ANNESS I*

PARTI A

**Direttiva imħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha**

**(imsemmija fl-Artikolu 10)**

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE<br>(ĠU L 122, 17.5.1991, p. 42) | |
| Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE<br>(ĠU L 290, 24.11.1993, p. 9) | Artikolu 11(1) biss |

PARTI B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

**(imsemmija fl-Artikolu 10)**

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 91/250/KEE | 31 ta' Diċembru 1992 |
| 93/98/KEE | 30 ta' Ġunju 1995 |

*ANNESS II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Direttiva 91/250/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(1), (2) u (3) | Artikolu 1(1), (2) u (3) |
| Artikolu 2(1), l-ewwel sentenza | Artikolu 2(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 2(1), it-tieni sentenza | Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 2(2) u (3) | Artikolu 2(2) u (3) |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4, kliem tal-bidu | Artikolu 4(1), kliem tal-bidu |
| Artikolu 4(a) | Artikolu 4(1), il-punt (a) |
| Artikolu 4(b) | Artikolu 4(1), il-punt (b) |
| Artikolu 4(c), l-ewwel sentenza | Artikolu 4(1), il-punt (c) |
| Artikolu 4(c), it-tieni sentenza | Artikolu 4(2) |
| Artikoli 5, 6 u 7 | Artikoli 5, 6 u 7 |
| Artikolu 9(1), l-ewwel sentenza | Artikolu 8, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 9(1), it-tieni sentenza | Artikolu 8, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 1(4) |
| Artikolu 10(1) | — |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 9 |
| — | Artikolu 10 |
| — | Artikolu 11 |
| Artikolu 11 | Artikolu 12 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-8 ta' Ottubru 2008**

**dwar il-miżura (C 33/07 (ex N 339/06 u N 729/06)) li l-Ġermanja bi ħsiebha timplimenta permezz ta' IBG Beteiligungsgesellschaft Sachsen-Anhalt mbH**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5581)*

**(It-test Ġermaniż biss hu awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/364/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet il-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawn id-dispożizzjonijiet ([1]),

Wara li kkunsidrat dawk il-kummenti,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittra tat-30 ta' Mejju 2006, irċevuta mill-Kummissjoni fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet Ġermanizi avżaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE tal-ewwel parti tal-miżura, li l-Kummissjoni rreġistrat bħala għajnuna mill-Istat każ Nru 339/2006.

(2) Permezz tal-ittra tat-22 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni. L-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu bl-ittra tat-13 ta' Lulju 2006. Il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni permezz tal-ittra tal-31 ta' Awwissu 2006 u l-awtoritajiet Ġermaniżu wieġbu bl-ittra tat-22 ta' Settembru 2006. Il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni fil-11 ta' Ottubru 2006 u l-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu bl-ittra tas-6 ta' Novembru 2006.

(3) Permezz tal-ittra tad-9 ta' Novembru 2006, irċevuta mill-Kummissjoni fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet Ġermaniżi avżaw it-tieni parti tal-miżura, li l-Kummissjoni rreġistrat bħala għajnuna mill-Istat Każ Nru 729/06. Minħabba li dawn iż-żewġ notifiki jikkoinċidu (N 339/06 u N 729/06), fl-ittra tas-6 ta' Diċembru 2006 il-Kummissjoni pproponiet li tgħaqqad il-każijiet u li titratta l-korrispondenza kollha bħala marbuta bejn it-tnejn li huma, u talbet ukoll iktar informazzjoni relatata maż-żewġ każijiet. L-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu bl-ittra tat-23 ta' Jannar 2007.

(4) Il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni fit-28 ta' Frar 2007. Wara estensjoni tad-data tal-għeluq, l-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu bl-ittra tal-11 ta' April 2007. Il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni fl-4 ta' Mejju 2007. Wara estensjoni tad-data tal-għeluq, l-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu bl-ittra tad-29 ta' Ġunju 2007.

([1]) ĠU C 246, 20.10.2007, p. 20.

(5) Permezz tal-ittra tat-30 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni infurmat il-Ġermanja li hi ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE firrigward tal-għajnuna (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni ta' ftuħ") Id-deċiżjoni ta' ftuħ kienet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni sejħet lill-awtoritajiet Ġermaniżi u l-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom.

(6) L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettu l-kummenti dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ permezz tal-ittra tad-19 ta' Ottubru 2007. Wara estensjoni tad-data tal-għeluq, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet minn parti interessata, IBG Beteiligungsgesellschaft Sachsen-Anhalt mbH (minn hawn 'il quddiem "il-Fond IBG") bl-ittra tal-10 ta' Diċembru 2007. Permezz tal-ittra tal-21 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni baghtet dawn l-osservazzjonijiet lill-awtoritajiet Ġermaniżi. Bi tweġiba għall-osservazzjonijiet, l-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu bl-ittra tal-14 ta' Frar 2008.

(7) Il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni bl-ittra tat-18 ta' April 2008 u bl-e-Mails tat-28 ta' April 2008 u tal-11 ta' Ġunju 2008. L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew iktar informazzjoni bl-ittra tal-5 ta' Ġunju 2008 u bl-e-Mail tat-13 ta' Ġunju 2008.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

(8) Il-Fond IBG hu fond pubbliku ta' kapital ta' riskju, stabbilit u ffinanzjat mil-*Land* ta' Saxony-Anhalt. L-għan tal-Fond IBG hu li jipprovdi kapital ta' riskju lill-SMEs innovattivi u orjentati lejn it-teknoloġija fis-Saxony-Anhalt fl-istadji tal-bidu u tat-tkabbir tal-iżvilupp. Saxony-Anhalt hu reġjun eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE [3].

(9) Mill-1 ta' Lulju 2007, il-Fond IBG kien amministrat mill-kumpanija ta' ġestjoni GOODVENT Beteiligungsmanagement GmbH & Co. KG (minn hawn 'il quddiem "il-maniġer tal-Fond"), magħżula fi proċedura ta' tender pubblika miftuħa u mhux diskriminatorja. Id-daqs totali tal-finanzjament pubbliku hu ta' madwar EUR 130 miljun. Din il-miżura hi applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2013.

(10) Il-Fond IBG jipprovdi dawn l-investimenti li ġejjin:

(a) Parteċipazzjonijiet f'ekwità ordinarja sa EUR 1.5 miljun għal kull SME għall-perjodu ta' tnax-il xahar, b'tal-inqas 30 % tal-finanzjament provdut minn investituri indipendenti privati fuq l-istess termini tal-Fond IBG;

(b) Parteċipazzjonijiet f'ekwità ordinarja (*offene Beteiligungen*) sa EUR 10 miljuni għal kull SME, inkluż għażliet ta' konverżjoni, bħal bonds konvertibbli (*Wandelanleihen*) u bonds b'warrants (*Optionsanleihen*), effettwati ma' investituri privati f'ammonti ugwali, fuq l-istess termini u bl-istess riskji ("pari passu");

(c) Parteċipazzjonijiet passivi (*stille Beteiligungen*) (minn hawn 'il quddiem 'il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG) sa EUR 5 miljuni għal kull impriża, effettwati mill-Fond IBG waħdu, indipendentement mill-investituri privati, u miżmuma sa 10 snin;

(d) konverżjoni ta' parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG f'parteċipazzjonijiet ordinarji f'ekwità effettwati pari passu ma' investituri privati.

(11) F'konformità mal-parteċipazzjonijiet ordinarji f'ekwità u l-miżuri ta' konverżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet fid-Deċiżjoni ta' ftuħ li ma kien hemm l-ebda għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE kemm għall-investituri [4] kif ukoll għall-ġestjoni tal-Fond IBG [5]. Jista' jkun hemm għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE għall-Fond IBG [6] jew għall-impriżi mmirati. Madankollu, il-Kummissjoni sabet il-miżura konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat biex jippromwovu l-investimenti tal-kapital f'impriżi żgħar u ta' daqs medju [7] (minn hawn 'il quddiem il-Linji gwida) u kompatibbli mas-suq komuni taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE.

(12) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG kienu vvalutati separatement għaliex l-awtoritajiet Ġermaniżi kkunsidrawhom bħala strumenti ta' dejn f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq, li għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, filwaqt li l-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk it-termini ekonomiċi għandhomx ikunu kklasifikati bħala strumenti ta' dejn jew bħala strumenti ta' ekwità.

(2) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(3) N 459/06 – Linji ta' Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 – il-mappa tal-għajnuna nazzjonali bi skop reġjonali mill-Istat: il-Ġermanja, (ĠU C 295, 5.12.2006, p. 6).

(4) Il-Kummissjoni spjegat li dan kien minħabba li l-Fond IBG u l-investituri privati jaqsmu l-istess riskji pożittivi u negattivi u benefiċċji u għandhom l-istess livell ta' subordinazzjoni; Fil-każ ta' konverżjoni f'ekwità ordinarja, il-parteċipazzjonijiet f'ekwità tal-IBG ser ikunu valutati b'mod xieraq billi r-remunerazzjoni totali tkun konvertita (il-valur nominali, l-imgħax fiss u varjabbli dovut u r-remunerazzjoni ta' ħruġ) f'parteċipazzjoni f'ekwità ordinarja.

(5) Il-Kummissjoni spjegat li dan kien minħabba li kumpanija separata ta' ġestjoni ġiet magħżula permezz ta' proċedura miftuħa ta' tender.

(6) Il-Kummissjoni tikkonsidra l-Fond IBG bħala impriża proprjetà tal-Istat, li x'aktarx tiġbor il-kapital tagħha fuq termini li ma jkunux disponibbli fis-suq privat.

(7) ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2.

## 3. **RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI**

(13) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-kwistjoni ta' jekk il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għandhomx, f'termini ekonomiċi, ikunu kkunsidrati bħala strumenti ta' dejn, kif mistqarr mill-awtoritajiet Ġermanizi, jew bħala strumenti ta' ekwità. F'każ li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG jikkwalifikaw bħala strumenti ta' dejn, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu għat-twaqqif tar-rati ta' referenzi u ta' skont ([8]) (minn hawn 'il quddiem l-Avviż tal-1997), li għandu jintuża bħala indikatur tar-rata tas-suq, għandu jkun applikat biex ikun iddeterminat jekk jinvolvux għajnuna mill-Istat għall-impriżi mmirati skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE ([9]).

(14) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat li, jekk il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma kklassifikati bħala strumenti ta' dejn, huma ma jikkostitwixxux vantaġġ għall-kumpaniji benefiċjarji skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE peress li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq skont l-Avviż tal-1997. Min-naħa l-oħra, jekk il-parteċipazzjonijiet passivi tal-IBG ikunu klassifikati bħala ekwità, l-għajnuna mill-Istat ma tistax titneħħa, peress li l-miżura tista' tkun qed tindirizza falliment tas-suq fis-suq ta' kapital ta' riskju.

(15) Biex ikun stabbilit jekk il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għandhomx ikunu kklassifikati bħala strumenti ta' dejn jew strumenti ta' ekwità, id-deċiżjoni ta' ftuħ eżaminat is-sustanza ekonomika tal-istrumenti li huma konformi mal-punt 4.3.3 tal-Linji gwida, b'kunsiderazzjoni tal-grad ta' riskju u telf potenzjali mħallsa mill-investitur, jekk ir-remunerazzjoni marbuta mal-profitt jew remunerazzjoni fissa kienet predominanti, il-livell ta' subordinazzjoni fil-każ ta' falliment u t-trattament tal-istrument ta' investiment skont ir-regoli applikabbli domestiċi legali, regolatorji, finanzjarji u ta' kontabbiltà.

(16) Wara li eżaminat in-natura ekonomika tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG, il-Kummissjoni identifikat dawn id-differenzi possibbli bejn l-istrumenti standard ta' dejn u l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG:

(a) *Subordinazzjoni:* Fil-każ ta' falliment ta' impriża fil-mira, il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG ikunu ta' prijorità fuq l-ekwità iżda huma subordinati għal self u obbligazzjonijiet oħrajn.

(b) *Garanzija:* Il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma parzjalment garantiti (minimu 10 %), madankollu din il-garanzija hi ferm inqas mill-livell li jkun meħtieġ għall-finanzjament ta' dejn.

(c) *Ħlas lura:* Il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond tal-IBG huma mħallsa lura darbtejn fis-sena, filwaqt li fuq strumenti standard ta' dejn il-prinċipal u l-interess huma normalment imħallsa lura kull xahar.

(d) *Drittijiet ta' informazzjoni u ta' kontroll:* Deher li kien hemm differenzi bejn il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG u l-istrumenti standard ta' dejn f'termini ta' drittijiet ta' informazzjoni u ta' kontroll, minkejja li l-klawżoli ta' proprjetà u bidla ta' kontroll huma xi drabi inklużi f'kuntratti standard ta' kreditu.

(e) *Terminazzjoni ta' kuntratt:* Deher li kien hemm differenzi bejn il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG u l-istrumenti standard ta' dejn fir-rigward tat-tmiem tal-kuntratti.

(f) *Remunerazzjoni:* Minħabba li l-komponent tar-remunerazzjoni ta' ħruġ ta' darba marbut mal-profitt (*Exitvergütung*), ma setax ikun stabbilit b'ċertezza ta' 100 % li r-remunerazzjoni fissa kienet il-komponent predominanti tar-remunerazzjoni.

(17) Għalhekk il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għandhomx ikunu kklassifikati bħala strumenti ta' dejn, u saqsiet il-patrijiet interessati biex jipprovdu kummenti dwar dawn il-punti.

## 4. **KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI**

(18) Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([10]) u bi tweġiba għall-avviż ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* ([11]), il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn parti waħda interessata, jiġifieri l-Fond IBG, li pprovda argumenti dettaljati biex juri li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għandhom jiġu klassifikati bħala strumenti ta' dejn.

([8]) ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3.

([9]) Dan ir-raġunament kien applikat ukoll f'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni: Għajnuna mill-Istat N 344/2006 – il-Ġermanja (ĠU C 157, 10.7.2007, p. 8); Għajnuna mill-Istat N 104/2005 – il-Ġermanja: Regio MIT Fond ta' Kapital ta' Riskju Hessen (ĠU C 295, 26.11.2005, p. 8); Għajnuna mill-Istat N 212/2004 – il-Ġermanja: ERDF Fond ta' Kapital ta' Riskju Berlin (ĠU C 95, 20.4.2005, p. 8); Għajnuna mill-Istat N 213/2004 – il-Ġermanja: ERDF Fond ta' Kapital ta' Riskju Fund Schleswig-Holstein, ĠU C 72 24.3.2006, p. 2; Għajnuna mill-Istat N 266/2004 – il-Ġermanja: ERDF Fond ta' Kapital ta' Riskju Thüringen (ĠU C 95, 20.4.2005, p. 9); Għajnuna mill-Istat N 310/2004 – il-Ġermanja: ERDF Fond ta' Kapital ta' Riskju Brandenburg (ĠU C 79, 1.4.2006, p. 25);

([10]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([11]) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(a) Subordinazzjoni:

(19) Il-Fond IBG spjega l-istatus subordinat tal-parteċipazzjonijiet passivi. Hu qal li s-subordinazzjoni hi miftiehma fuq bażi volontarja u mhix meħtieġa b'mod legali. Mhuwiex rari li l-istrumenti ta' dejn jitpoġġew fi klassifiki differenti. Pereżempju fil-qasam tal-finanzjament tal-akkwist, hu kważi dejjem il-każ li d-dejn ikun miġbur f'dejn ta' prijorità u dejn subordinat. Fil-kummenti tiegħu, il-Fond IBG enfasizza li filwaqt li l-parteċipazzjonijiet passivi jistgħu jkunu subordinati għal dejn u obbligazzjonijiet oħrajn, huma dejjem ta' prijorità fuq l-ekwità u qatt ma jipparteċipaw fit-telf tal-impriżi mmirati.

(b) Garanzija

(20) Il-Fond IBG spjega li bejn 10 % u 30 % tal-valur tal-parteċipazzjonijiet passivi huma koperti b'garanziji mogħtija mill-azzjonisti tal-impriżi mmirati. L-ammont preċiż tal-kollateral jiddependi fuq il-każ individwali, u b'mod partikolari fuq l-assi li l-azzjonisti kienu trasferew qabel lill-impriża, pereżempju, fil-forma ta' ekwità jew drittijiet ta' proprjetà intelletwali. Skont il-Fond IBG, l-istrumenti ta' dejn jistgħu jieħdu forom differenti, skont il-każ individwali. Fil-prattika, hemm saħansitra 0 % kollateral, u s-self mhux garantit; u dan ma jbiddilx awtomatikament strument ta' dejn fi strument ta' ekwità.

(c) Ħlas lura

(21) Skont il-Fond IBG, il-proċeduri ta' ħlas lura għall-parteċipazzjonijiet passivi tiegħu huma simili ta' dawk tal-istrumenti ta' dejn. Fil-każ ta' self standard, skont il-pożizzjoni ta' likwidità tal-kumpanija, il-prinċipal u l-imgħax mhumiex neċessarjament mħallsa (lura) kull xahar. Ħlas lura kull sitt xhur jew kull tliet xhur huma wkoll komuni bħal pagamanenti ta' kull xahar. Il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż jipprovdi għall-ħlasijiet ta' mgħax fl-aħħar ta' kull sena, iżda jistgħu jkunu miftiehma arranġamenti oħra.

(22) Fir-rigward tal-ħlas lura tal-prinċipal, il-Fond IBG jinnota li l-Kodiċi Ċivili Ġermaniż jistipula li l-prinċipal isir dovut meta l-kuntratt tas-self jintemm ħlief jekk il-kuntratt jipprovdi mod ieħor. Skont il-Fond IBG, il-parteċipazzjonijiet passivi huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż u ma jipprevedux dispożizzjonijiet kuntrattwali differenti mir-regola ġenerali.

(d) Drittijiet ta' informazzjoni u ta' kontroll:

(23) Il-Fond IBG jippreżenta iktar argumenti biex juri s-similaritajiet bejn il-klawżoli ta' informazzjoni u tas-sjieda u tal-bidla fil-kontroll tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG u dawk tal-istrumenti ta' dejn. Skont il-Fond IBG, huwa normali li tkun miftiehma s-sjieda dwar il-klawżoli ta' bidla tal-kontroll għall-istrumenti ta' dejn. Il-kredituri jinsistu fuqhom b'mod partikolari fil-każ ta' self kummerċjali u finanzjament tal-proġetti u tal-akkwist. Il-punt komuni bejn dawn it-tip ta' krediti u l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG hu s-self ta' terminu twil li jitħallsu lura biss mat-tmiem tagħhom. B'kumpens, il-kredituri jitolbu patti estensivi li permezz tagħhom ikunu intitolati li jwaqqfu l-kuntratt ta' kreditu qabel fil-każ ta' ksur tal-patt mid-debitur.

(24) Fir-rigward tas-self kummerċjali, l-organizzazzjoni ġenerali tal-banek privati Ġermaniżi, il-Bundesverband Deutscher Banken, iddisinjat kuntratt mudell speċjali li għandu sjieda estensiva u klawżola tal-bidla tal-kontroll. Fir-rigward tal-finanzjament tal-proġetti u tal-akkwist, il-Fond IBG jirreferi għal diversi kummenti Ġermaniżi rilevanti li jiddiskutu u jgħarrfu klawżoli ta' kontrol estensivi għall-benefiċċju tal-kreditur.

(e) Tmiem tal-kuntratt:

(25) Il-Fond IBG jipprovdi iktar argumenti biex juri similaritajiet bejn il-parteċipazzjonijiet passivi u s-self fir-rigward tal-kundizzjonijiet għat-tmiem tal-kuntratt. Fil-każ ta' ksur tal-kuntratt, nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma, informazzjoni mhux korretta jew bdil tal-kontroll, kemm l-impriża mmirata kif ukoll il-Fond IBG huma intitolati biex itemmu l-kuntratt. Fejn it-terminoloġija speċifika tat-tmiem tal-kuntratt tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG hi differenti minn dak tas-self standard, dan juri biss in-natura speċifika tal-istrument ikkumparat ma' self standard.

(f) Remunerazzjoni

(26) Il-Fond IBG jispjega l-istruttura tar-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet passivi tiegħu, sabiex juri li remunerazzjoni fissa hi l-komponent dominanti tar-remunerazzjoni annwali totali ta' 13 %. Ir-remunerazzjoni totali hi magħmula minn komponent ta' rata ta' mgħax fissa, iddeterminata fuq il-bażi ta' kreditu ta' riskju ta' kull impriża mmirata u hi mħallsa irrispettivament mill-profittabilità tal-ivestiment, u l-komponent marbut mal-profitt, imħallas jekk ċerti limiti ta' profittabilità jinqabżu. Skont il-Fond IBG, il-komponent marbut mal-profitt hu dejjem ta' mill-inqas 250 punt ta' bażi inqas mir-rata ta' mgħax fissa. Remunerazzjoni fissa ta' ħruġ ta' darba hi mħallsa aparti t-total ta' 13 % remunerazzjoni annwali. Dan hu kkalkulat bħala persentaġġ tal-ammont nominali tal-parteċipazzjoni passiva u ma jiddependiex fuq il-profittabilità tal-investiment.

(g) Kontabbiltà u trattament tat-taxxa

(27) Il-Fond IBG jipprovdi informazzjoni dettaljata biex juri li skont il-liġi Ġermaniża (liġi ċivili, liġi tal-kontabbiltà u liġi tat-taxxa) u regoli internazzjonali tal-kontabbiltà (IFRS u IAS) il-parteċipazzjonijiet passivi tiegħu huma kkunsidrati li huma parteċipazzjonijiet passivi tipiċi u b'hekk strumenti ta' dejn.

## 5. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA

### 5.1. Kummenti dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ

(28) Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 u bi tweġiba għall-avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* [12], il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-awtoritajiet Ġermaniżi. L-awtoritajiet Ġermaniżi argumentaw li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma parteċipazzjonijiet passivi tipiċi u għalhekk għandhom ikunu kklassifikati bħala strumenti ta' dejn, għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Taħt il-liġi ċivili, il-liġi tal-kontabbiltà u l-liġi tat-taxxa, dawn l-istrumenti ta' investiment huma trattati bħala kapital misluf (*Fremdkapital*).

(b) Id-drittijiet tal-informazzjoni u tal-kontroll, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar it-tmiem tal-investimenti, huma simili għal dawk tal-istrumenti ta' self.

(c) Bħal każ tal-istrumenti ta' dejn, ħlas lura sħiħ tal-prinċipal u l-imgħax hu meħtieġ fl-aħħar tal-parteċipazzjoni.

(d) Il-komponent ta' mgħax fiss hu l-komponent predominanti tar-remunerazzjoni, li jindika li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għandhom ikunu trattati bħala strumenti ta' dejn.

(e) Is-subordinazzjoni tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għas-self u l-obbligazzjonijiet oħrajn hi meħtieġa biex tkun evitata l-insolvenza tal-kontabbiltà immedjata minħabba l-pożizzjoni dgħajfa ta' kreditu ta' min jissellef.

(f) Il-banek u l-istituzzjonijiet tal-kreditu tipikament jitrattaw il-kapital mezzanin bħala strument ta' dejn anke meta ma jkunx garantit.

### 5.2. Osservazzjonijiet dwar il-kummenti tal-parti interessata

(29) Fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-kummenti tal-parti interessata, l-awtoritajiet Ġermanizi esprimew il-qbil tagħhom, u tennew il-konklużjonijiet ppreżentati fil-kummenti oriġinali tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi enfasizzaw li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma mogħtija fuq termini tas-suq u ma jinvolvux għajnuna mill-Istat peress li huma konformi mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għat-twaqqif ta' rati ta' referenza u ta' skont [13] (minn hawn 'il quddiem il-Komunikazzjoni tal-2008).

(30) Fil-korrispondenza suċċessiva mal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Ġermaniżi spjegaw is-sistema tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Fond IBG, li kienet eżaminata minn Price Waterhouse Coopers u tikklassifika l-impriża mmirata bejn "tajjeb ħafna" (AAA) u "ħażin/diffikultajiet finanzjarji" (CCC); Il-kumpaniji CCC huma esklużi milli jirċievu finanzjament. Il-kollateralizzazzjoni baxxa u l-klassifikazzjoni tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma kkunsidrati meta jkun ivvalutat il-kreditu ta' riskju tal-impriżi mmirati.

(31) Is-sistema ta' klassifikazzjoni tipprovdi l-bażi għall-istabbiliment tar-rati ta' mgħax b'riskju aġġustat. Il-parteċipazzjonijiet passivi huma dejjem remunerati fuq bażi ta' rata ta' mgħax fissa magħmula minn IBOR kif ukoll marġini xieraq. Dan tal-aħħar jista' jvarja bejn 100 u 650 punt ta' bażi, skont il-klassifika tal-impriża. Fil-każ ta' impriżi fil-mira li ma jistgħux ikunu klassifikati bl-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni tal-Fond IBG, hu applikat marġinu ta' mill-inqas 400 punt ta' bażi, li qatt ma jista' jkun inqas minn dak li jkun applikabbli għall-kumpanija possedenti.

## 6. VALUTAZZJONI

### 6.1. Legalità

(32) L-awtoritajiet Ġermaniżi ssodisfaw l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE billi nnotifikaw il-miżura qabel l-implimentazzjoni tagħha. Id-dħul fis-seħħ tal-miżura hu soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

### 6.2. Il-bażi legali għall-valutazzjoni

6.2.1. *Il-klassifikazzjoni ekonomika tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG*

(33) Sabiex il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG ikunu klassifikati bħala strumenti ta' dejn jew strumenti ta' ekwità f'termini ekonomiċi, huma kellhom ikunu vvalutati skont il-Linji gwida. Punt 2.2 tal-Linji gwida jipprovdi dawn id-definizzjonijiet ta' kważi-ekwità u ta' strumenti ta' investiment ta' dejn:

[12] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

[13] ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

— "Strumenti ta' investiment fi kważi-ekwità" tfisser strumenti li r-ritorn tagħhom għad-detentur (investitur/min isellef) hu bbażat il-biċċa l-kbira fuq il-profitti jew telf tal-kumpanija sottostanti mmirata, u li mhumiex garantiti fil-każ ta' telf. Din id-definizzjoni hi bbażata fuq approċċ li jagħti prijorità lis-sustanza fuq il-forma.

— "Strumenti ta' investiment ta' dejn" tfisser self u strumenti ta' finanzjament oħrajn li jipprovdu lil min isellef/investitur b'komponent predominanti ta' remunerazzjoni minima fissa u huma tal-inqas parzjalment garantiti. Din id-definizzjoni hi bbażata fuq approċċ li jagħti prijorità lis-sustanza fuq il-forma.

(34) Punt 4.3.3 tal-Linji gwida jistipula li "l-Kummissjoni ser tagħti prijorità lis-sustanza ekonomika tal-istrument pjuttost milli l-isem u l-kwalifika li huma attribwiti mill-investituri… b'kunsiderazzjoni tal-livell ta' riskju fl-impriża tal-kumpanija mmirata mħallsa mill-investitur, it-telf potenzjali imħallas mill-investitur, il-predominanza tar-remunerazzjoni marbuta mal-profitt kontra remunerazzjoni fissa, u l-livell ta' subordinazzjoni tal-investitur fil-każ tal-falliment tal-kumpanija… [u] it-trattament applikabbli għall-istrument ta' investiment taħt ir-regoli prevalenti domestiċi, regolatorji, finanzjarji u tal-kontabbiltà, jekk dawn huma konsistenti u relevanti għall-kwalifika."

(35) Wara eżaminazzjoni tal-argumenti mill-awtoritajiet Ġermaniżi u l-informazzjoni rċevuta mill-parti interessata (il-Fond IBG) bi tweġiba għad-deċiżjoni ta' ftuħ, intlaħqu dawn il-konklużjonijiet:

(a) Riskju tal-investitur

(36) F'konformità mal-Linji-gwida, il-Kummissjoni vvalutat il-livell ta' riskju u telf possibbli mħallas mill-Fond IBG. Kien ikkunsidrat il-fatt li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG, bħal fil-każ tal-istrumenti ta' dejn, ma jġorrux ir-riskju sħiħ ta' ħruġ bħal ma jġorru l-investituri fl-ekwità ([14]). Il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG qatt ma jipparteċipaw fit-telf tal-impriżi mmirati, kif jiġri fl-investimenti tal-ekwità; Dan il-kriterju għad-distinzjoni bejn ekwità u dejn hu msemmi b'mod espliċitu fil-punt 4.3.3 tal-Linji-Gwida. L-istess bħal l-istrumenti ta' dejn, it-termini kuntrattwali tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG jeħtieġu l-prinċipal u l-imgħax, inkluż l-komponent marbut mal-profitt, li jrid jitħallas lura mill-fluss tal-likwidità tal-kumpanija. Fir-rigward tal-livell ta' riskju u telf potenzjali imħallas mill-investitur, il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG għalhekk jistgħu jkunu klassifikati bħala strumenti ta' investiment ta' dejn.

(b) Subordinazzjoni:

(37) Skont il-Linji-Gwida għandu jiġi kkunsidrat il-livell ta' subordinazzjoni fil-każ ta' falliment. Il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma subordinati għal self u obbligazzjonijiet oħrajn, iżda huma ta' prijorità fuq l-ekwità u qatt ma jipparteċipaw fit-telf tal-impriżi fil-mira; din hi karatteristika tipika tal-istrumenti ta' dejn. Subordinazzjoni ta' dejn mhux garantit jew parzjalment garantiti għall-pretensjonijiet ta' kredituri ta' prijorità hu normali. Filwaqt li l-parteċipazzjonijiet passivi subordinati tal-Fond IBG huma tabilħaqq iktar riskjużi minn dejn mhux subordinat, dan hu muri fir-rata ta' mgħax b'riskju aġġustat. Għal dawn ir-raġunijiet is-subordinazzjoni għall-kredituri oħrajn ma jwassalx fih innifsu għall-klassifikazzjoni tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG bħala strumenti ta' kważi-ekwità

(c) Garanzija

(38) Il-Linji-gwida jeħtieġu li strument ta' dejn, sabiex jikkwalifika bħala tali, irid ikun tal-inqas parzjalment garantit. Il-fatt li bejn 10 % u 30 % tal-valur tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG hu garantit mill-azzjonisti tal-impriżi mmirata jrid jiġi kkunsidrat. Ir-rekwiżiti baxxi ta' kollateralizzazzjoni huma l-biċċa l-kbira mfissra mill-fatt li SMEs teknoloġiċi li qed jikbru malajr m'għandhomx biżżejjed kollateral ta' valur għoli. Barra minn hekk, il-garanzija parzjali tidher li hi adegwata, minħabba l-klassifikazzjoni baxxa tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG. In-natura subordinata u parzjalment garantita tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG tidher b'mod xieraq fil-livell ta' remunerazzjoni. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma parzjalment garantiti, kif meħtieġ mil-Linji-gwida.

(d) Remunerazzjoni

(39) Il-Linji-gwida jeħtieġu li strument ta' dejn, sabiex jikkwalifika bħala tali, irid ikollu element predominanti ta' remunerazzjoni fissa. Il-komponent marbut mal-profitt tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG hu dejjem ta' mill-inqas 250 punt ta' bażi inqas mill-komponent tar-rata ta' mgħax fissa. Barra minn hekk, il-fatt li remunerazzjoni fissa ta' ħruġ ta' darba addizzjonali tista' tkun miżjuda mar-remunerazzjoni totali ta' 13 % iżżid il-predominanza tar-remunerazzjoni fissa fir-remunerazzjoni totali. L-element tar-rata ta' mgħax fissa tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-IBG hu għalhekk il-komponent predominanti ta' remunerazzjoni, kif meħtieġ mil-Linji-gwida.

([14]) Il-fornituri tal-ekwità normalment jagħmlu l-kapital disponibbli għal terminu twil, mingħajr dritt għal ħlas lura u mingħajr garanzija. B'kumpens, huma jirċievu sehem tal-ekwità u jiksbu r-ritorn tagħhom billi joħorġu mill-investiment fl-aħħar tal-perjodu tal-investiment

(e) Sjieda tal-klawżoli tal-bidla tal-kontroll

(40) Wara li vvalutat l-informazzjoni ddettaljata produta mill-parti interessata, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-informazzjoni u l-klawżoli tas-sjieda u tal-bidla tal-kontroll tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG jidhru li huma simili ta' dawk tal-istrumenti ta' dejn mhux garantiti jew parzjalment garantiti, li normalment jeħtieġu monitoraġġ intensiv u informazzjoni ddetaljata u immedjata dwar il-progress ekonomiku tal-kumpaniji, u d-definizzjoni ta' indikaturi finanzjarji speċifiċi jew patti li l-kumpanija trid tosserva. Għalhekk, fit-termini tal-informazzjoni u tal-klawżoli ta' sjieda u bidla tal-kontroll tal-paertċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG, dawn l-istrumenti jistgħu jkunu klassifikati bħala strumenti ta' dejn.

(f) Tmiem tal-kuntratt

(41) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni għarrfet li l-kundizzjonijiet tal-Fond IBG għat-tmiem ta' kuntratt ta' parteċipazzjoni passiva jidhru li huma simili ta' dawk tal-istrumenti ta' dejn għaliex l-investimenti jistgħu jintemmu f'każ ta' ksur tal-kuntratt, nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma, informazzjoni żbaljata u bidla tal-kontroll. Il-Kummissjoni kkunsidrat li d-differenzi fit-terminoloġija jirreflettu biss in-natura speċfika tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG b'paragun mal-istrumenti ta' dejn standard. Għalhekk, minbarra d-differenzi fit-terminoloġija, id-dispożizzjonijiet ta' tmiem tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma fil-prinċipju simili ta' dawk tal-istrumenti ta' dejn standard.

(g) Trattament legali, tal-kontabbiltà u tat-taxxa

(42) Il-Kummissjoni ssib li l-awtoritajiet Ġermaniżi u l-Fond IBG urew li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG huma parteċipazzjonijiet passivi tipiċi u għalhekk huma kkunsidrati li huma strumenti ta' dejn skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża relevanti (liġi ċivili, liġi tal-kontabbiltà u liġi tat-taxxa) u skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)

(h) Konklużjoni

(43) Wara eżaminazzjoni tan-natura ekonomika tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG, u b'kunsiderazzjoni tat-trattament legali, tal-kontabbiltà u tat-taxxa ta' dawn l-istrumenti, il-Kummissjoni ssib li f'termini ekonomiċi, il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG jistgħu jkunu kklasifikati bħala strumenti ta' dejn.

6.2.2. *L-Istatus tal-għajnuna mill-Istat tal-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG*

(44) Il-Kummissjoni eżaminat il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG fid-dawl tal-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE. L-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE jistipula li "kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li toħloq tfixkil jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm tkun taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri, mhux ser tkun kompatibbli mas-suq komuni." Sabiex miżura tkun tista' taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, iridu jintlaħqu erba' kriterji:

(a) il-miżura trid tinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-Istat;

(b) il-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju;

(c) il-vantaġġ irid ikun selettiv għaliex hu limitat għal ċerti impriżi jew setturi;

(d) Il-miżura trid taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(45) Fid-Deċiżjoni tagħha ta' ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li, sakemm il-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG jistgħu jkunu kklassifikati bħala strumenti ta' dejn, huma jkunu kkunsidrati bħala strumenti ta' dejn konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq skont l-Avviż tal-1997. L-istrument hu wkoll konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq skont il-Komunikazzjoni tal-2008, peress li l-Fond IBG jivvaluta r-riskji ta' kreditu ta' kull impriża, inkluż il-livell ta' subordinazzjoni u kollateralizzazzjoni, u japplika rati ta' mgħax b'riskju aġġustat.

(46) Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-parteċipazzjonijiet passivi tal-Fond IBG ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat lill-impriżi mmirati skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżura li l-Ġermanja bi ħsiebha timplimenta permezz ta' IBG Beteiligungsgesellschaft Sachsen-Anhalt mbH, mhijiex, fir-rigward tal-parteċipazzjonijiet passivi, għajnuna skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Brussell, 8 ta' Ottubru 2008

*Għall-Kummissjoni*
Neelie KROES
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' April 2009

## dwar l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* bħala ingredjent alimentari ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3039)*

**(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

(2009/365/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar ikel ġdid u l-ingredjenti tal-ikel ġodda [1], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2007, il-kumpanija Vitatene għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit biex tqiegħed il-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* fis-suq bħala ingredjent alimentari ġdid; fis-17 ta' Ottubru 2007 l-entità kompetenti tar-Renju Unit dwar il-valutazzjoni tal-ikel ħarġet ir-rapport inizjali tal-valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport hi waslet għall-konklużjoni li, fid-dawl ta' applikazzjonijiet oħra pendenti li jikkonċernaw il-lycopene, hemm bżonn ta' valutazzjoni oħra sabiex ikun żgurat li tingħata awtorizzazzjoni għall-użu ta' tipi differenti ta' lycopene bħala ingredjenti alimentari ġodda taħt l-istess kundizzjonijiet.

(2) Il-Kummissjoni bagħtet ir-rapport preliminari ta' valutazzjoni lill-Istati Membri kollha fit-11 ta' Frar 2008.

(3) Fl-2008, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) ġiet ikkonsultata u din ippubblikat il-fehma tagħha fl-4 ta' Diċembru 2008.

(4) Fl-opinjoni tagħha, l-EFSA waslet għall-konklużjoni li, minħabba li *l-lycopene jista' jkollha bidliet ossidattivi, jenħtieġ li tkun iffurmulata bħala sospensjonijiet fiż-żjut tal-ikel, bħala trab li huwa direttament kompressibbli jew bħala wieħed li jdub fl-ilma*. Jenħtieġ li tkun żgurata biżżejjed protezzjoni antiossidattiva.

(5) L-EFSA kkonkludiet ukoll li filwaqt li l-konsum tal-lycopene mill-konsumatur medju jibqa' inqas mill-Konsum Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI), xi konsumaturi tal-lycopene jistgħu jikkunsmaw iżjed mill-ADI. Għaldaqstant, ta' min ukoll jiġbor dejta dwar il-konsum għal numru ta' snin wara li tinħareġ l-awtorizzazzjoni sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiġi riveduta fid-dawl ta' informazzjoni ulterjuri dwar is-sikurezza tal-lycopene u l-konsum tagħha. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ġbir ta' dejta li tirrigwarda l-livelli tal-lycopene fiċ-ċereali għall-kolazzjon. Madankollu, dan ir-rekwiżit skont id-Deċiżjoni preżenti, japplika għall-użu ta' lycopene bħala ingredjent ġdid tal-ikel u mhux għall-użu ta' lycopene bħala kulur għall-ikel, li jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi mal-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti tal-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [2].

(6) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni xjentifika, ġie stabbilit li l-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* hija konformi mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(7) Il-kumpanija Vitatene qablet li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/721/KE [3] għandha titħassar.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora*, minn hawn 'il quddiem imsejħa il-prodott, kif speċifikat fl-Anness I, tista' titqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent alimentari ġdid għall-użu fl-ikel elenkat fl-Anness II.

*Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni tal-ingredjent il-ġdid tal-ikel awtorizzat b'din id-Deċiżjoni li trid tidher fuq it-tikketta tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent għandha tkun "lycopene".

*Artikolu 3*

Il-kumpanija Vitatene għandha tistabbilixxi programm ta' sorveljanza li jakkumpanja t-tqegħid fis-suq tal-prodott. Dan il-programm għandu jinkludi t-tagħrif dwar il-livelli tal-użu ta' lycopene f'ikel kif speċifikat fl-Anness III.

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

[2] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27.

[3] ĠU L 142M, 5.6.2007, p. 395.

Id-dejta miġbura għandha ssir disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri. Fid-dawl ta' informazzjoni ġdida u ta' rapport mill-EFSA, l-użu tal-lycopene bħala ingredjent alimentari għandu jiġi rivedut sa mhux aktar tard mis-sena 2014.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 2006/721/KE hi b'dan revokata.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Vitatene S.A.U. Avda. Antibióticos 59-61, E-24009 León, Spanja.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Speċifikazzjonijiet tal-lycopene mill-*Blakeslea trispora***

BLAKESLEA TRISPORA

Il-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* meta ppurifikata tikkonsisti f'≥ 95 % lycopene u ≤ 5 % karotenojdi oħra. Hija ppreżentata jew bħala trab f'matriċi adegwata jew dispersjoni fiż-żejt. Il-kulur huwa aħmar skur jew aħmar jagħti fil-vjola. Il-protezzjoni antiossidativa trid tkun żgurata.

SPEĊIFIKAZZJONI

Isem kimiku: Lycopene

Numru C.A.S: 502-65-8 (it-trans lycopene kollha)

Formula Kimika $C_{40}H_{56}$

Formula strutturali:




Piż tal-formula: 536,85

*ANNESS II*

**Lista ta' ikel li tista' tiżdied miegħu l-*lycopene* li tiġi mill-*Blakeslea trispora***

| Kategorija tal-ikel | Livell massimu ta' lycopene |
|---|---|
| Xarbiet ibbażati fuq meraq tal-frott jew tal-ħaxix (inklużi l-konċentrati) | 2,5 mg/100 g |
| Xarbiet maħsuba biex jilħqu l-massimu ta' sforz muskolari intens speċjalment għall-isportivi | 2,5 mg/100 g |
| Ikel maħsub għall-użu f'dieti mmirati għal użu ristrett ta' enerġija u li huma intiżi għat-tnaqqis tal-piż | 8 mg/sostitut tal-ikel |
| Ċereali għall-kolazzjon | 5 mg/100 g |
| Xaħmijiet u taħwir tal-ikel | 10 mg/100 g |
| Sopop ħlief sopop tat-tadam | 1 mg/100 g |
| Ħobż (inkluż ħobż iqarmeċ) | 3 mg/100 g |
| Ikel djetetiku għal dinijiet mediċi speċjali | Skont rekwiżiti ta' nutrizzjoni partikolari |
| Supplimenti tal-ikel | 15-il mg f'kull doża ta' kuljum kif rakkomandat mill-manifattur |

*ANNESS III*

**Sorveljanza wara li l-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* titqiegħed fis-suq**

TAGĦRIF LI GĦANDU JINĠABAR

Il-kwantitajiet ta' lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* pprovduta mill-kumpanija Vitatene lill-konsumaturi tagħha għall-produzzjoni ta' prodotti finali tal-ikel li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni Ewropea.

Ir-riżultati tat-tiftixiet fid-dejtabejż dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel li fihom il-lycopene li tiġi mill-*Blakeslea trispora* miżjuda, inklużi l-livelli ta' fortifikazzjoni u d-daqsijiet tal-porzjon għal kull prodott imqiegħed fis-suq skont l-Istat Membru.

RAPPURTAR TAT-TAGĦRIF

It-tagħrif ta' hawn fuq għandu jkun irrappurtat lill-Kummissjoni Ewropea kull sena għas-snin mill-2009 sal-2012. L-ewwel darba fil-31 ta' Ottubru 2010 għall-perjodu ta' rappurtar mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010; u mbagħad bl-istess perjodu ta' rappurtar fis-sena għas-sentejn ta' wara.

TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Fejn hu l-każ, u fejn hu disponibbli lil Vitalene, għandha tiġi rrappurtata wkoll l-istess informazzjoni dwar il-konsum ta' lycopene użata bħala kulur għall-ikel.

Fejn tkun disponibbli, Vitatene għandha tipprovdi l-informazzjoni ġdida xjentifika għal rikonsiderazzjoni tal-livelli massimi mhux perikolużi għall-konsum tal-lycopene.

VALUTAZZJONI TAL-LIVELLI TA' TEĦID TA' LYCOPENE

Il-kumpanija Vitatene trid tagħmel valutazzjoni aġġornata dwar il-konsum abbażi tal-informazzjoni miġbura u rrappurtata li tissemma hawn fuq.

REVIŻJONI

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-EFSA sal-2013 biex tirrevedi t-tagħrif provdut mill-industrija.

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

### tad-29 ta' April 2009

### dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja fir-rigward tal-infiq fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2008

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3199)*

**(It-testi biċ-Ċek, l-Estonjan, il-Grieg, l-Ingliż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Ungeriż, il-Pollakk, is-Slovakk u s-Sloven biss huma awtentiċi)**

(2009/366/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 30 u 39 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Fuq il-bażi tal-kontijiet annwali mressqa mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja fir-rigward tal-infiq fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali, akkompanjati mill-informazzjoni meħtieġa, il-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 għandhom jiġu approvati. L-approvazzjoni tkopri il-kompletezza, ir-reqqa u l-veraċità tal-kontijiet mibgħuta fid-dawl tar-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni.

(2) Il-limiti ta' żmien konċessi lir-Repubblika Ċeka, lill-Estonja, lil Ċipru, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Ungerija, lil Malta, lill-Polonja, lis-Slovenja u lis-Slovakkja msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR ([2]) għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 8(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006, għalqu.

(3) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni mressqa u kkomunikata lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja s-sejbiet tagħha qabel il-31 ta' Marzu 2009, flimkien mal-emendi meħtieġa.

(4) Għall-infiq fuq l-iżvilupp rurali, kopert mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati (transizzjonali) għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ([3]), ir-riżultat tad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni għandu jitnaqqas minn jew jiżdied ma' ħlasijiet sussegwenti magħmula mill-Kummissjoni.

(5) Fid-dawl tal-verifiki magħmula, il-kontijiet annwali u d-dokumenti meħmuża jippermettu lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni, għal ċerti aġenziji tal-ħlas, dwar il-kompletezza, ir-reqqa u l-veraċità tal-kontijiet mibgħuta. Id-dettalji ta' dawn l-ammonti ġew deskritti fir-Rapport fil-Qosor ippreżentat lill-Kumitat tal-Fond flimkien ma' din id-Deċiżjoni.

(6) Fid-dawl tal-verifiki li saru, it-tagħrif mibgħut minn ċerti aġenziji tal-ħlas jeħtieġ aktar inkjesti u għalhekk il-kontijiet tagħhom ma jistgħux jiġu approvati f'din id-Deċiżjoni.

(7) Għall-infiq fuq l-iżvilupp rurali kopert bir-Regolament (KE) Nru 27/2004, l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati jew li għandhom jitħallsu skont id-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet, għandhom jitnaqqsu minn jew jiżdiedu ma' ħlasijiet sussegwenti.

(8) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħudin sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità infiq li ma jsirx skont ir-regoli Komunitarji,

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 162.
([3]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 36.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Bla ħsara għall-Artikolu 2, il-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri li jikkonċernaw infiq fil-qasam tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2008, huma approvati permezz ta' din id-deċiżjoni.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lil kull Stat Membri skont din id-Deċiżjoni fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali applikabbli fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja huma stipulati fl-Anness I u l-Anness II.

*Artikolu 2*

Għas-sena finanzjarja 2008, il-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri fil-qasam ta' miżuri tal-iżvilupp rurali applikabbli fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, stipulati fl-Anness III, huma mifruda minn din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu soġġetti għal Deċiżjoni dwar l-approvazzjoni fil-ġejjieni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lir-Repubblika tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika tas-Slovenja u lir-Repubblika Slovakka.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS**

**SENA FINANZJARJA 2008 - INFIQ GĦALL-IŻVILUPP RURALI TAL-FAEG FI STATI MEMBRI ĠODDA.**

**Ammont li jrid jiġi rkuprat minn jew imħallas lill-Istat Membru.**

| SM | | 2008 - Infiq għall-Aġenziji tal-Ħlas li l-kontijiet tagħhom huma | | Total a + b | Tnaqqis | Total | Ħlasijiet Proviżorji mħallsa lura lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja | Ammont li jrid jiġi rkuprat minn-(-) jew imħallas lill-(+) Istat Membru (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | mhux approvati | | | | | |
| | | = infiq iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali | = total tal-Ħlasijiet Proviżorji mħallsa lura lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja | | | | | |
| | | a | b | c = a + b | d | e = c + d | f | g = e - f |
| CZ | EUR | 32 399 539,50 | | 32 399 539,50 | 0,00 | 32 399 539,50 | 0,00 | 32 399 539,50 |
| EE | EUR | 24 148 768,74 | | 24 148 768,74 | 0,00 | 24 148 768,74 | 0,00 | 24 148 768,74 |
| CY | EUR | 17 570 826,20 | | 17 570 826,20 | 0,00 | 17 570 826,20 | 11 388 159,00 | 6 182 667,20 |
| LV | EUR | 46 986 857,87 | | 46 986 857,87 | 0,00 | 46 986 857,87 | 0,00 | 46 986 857,87 |
| LT | EUR | 79 148 259,37 | | 79 148 259,37 | 0,00 | 79 148 259,37 | 0,00 | 79 148 259,37 |
| HU | EUR | 90 290 537,46 | | 90 290 537,46 | 0,00 | 90 290 537,46 | 0,00 | 90 290 537,46 |
| MT | EUR | 0,00 | 2 699 140,00 | 2 699 140,00 | 0,00 | 2 699 140,00 | 2 699 140,00 | 0,00 |
| PL | EUR | 121 595 191,28 | | 121 595 191,28 | 0,00 | 121 595 191,28 | 0,00 | 121 595 191,28 |
| SI | EUR | 607 424,53 | | 607 424,53 | 0,00 | 607 424,53 | 0,00 | 607 424,53 |
| SK | EUR | 39 259 760,34 | | 39 259 760,34 | 0,00 | 39 259 760,34 | 0,00 | 39 259 760,34 |

| SM | Ħlasijiet bil-quddiem imħallsa iżda li għad iridu jiġu approvati għall-implimentazzjoni tal-programm [Artikolu 32 tar-Regolament tal-Kunsill Nru. 1260/1999]. | |
|---|---|---|
| CZ | EUR | 86 848 000,00 |
| EE | EUR | 24 080 000,00 |
| CY | EUR | 11 968 000,00 |
| LV | EUR | 52 496 000,00 |
| LT | EUR | 78 320 000,00 |
| HU | EUR | 96 368 000,00 |
| MT | EUR | 4 304 000,00 |
| PL | EUR | 458 624 000,00 |
| SI | EUR | 45 056 000,00 |
| SK | EUR | 63 536 000,00 |

(*) Ladarba l-ħlasijiet laħqu l-95 % mill-pjan finanzjarju tal-Istati Membri kollha, il-bilanċ se jitħallsu matul l-għeluq tal-programm.

*NB*: Fir-rigward tar-Repubblika Ċeka, l-ammont approvat għas-sena finanzjarja 2008 miżjud mal-ammonti approvati fis-snin preċedenti; jaqbeż il-kontribuzzjoni massima tal-FAEGG stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm. Il-bilanċ finali tal-FAEGG li jrid jitħallas għall-programm se jiġi kkalkulat skont il-kontribuzzjoni totali tal-FAEGG.

*ANNESS II*

**INFIQ APPROVAT SKONT IL-MIŻURA GĦALL-IŻVILUPP RURALI TAL-FAEG GĦALL-EŻERĊIZZJU TAS-SENA 2008 FI STATI MEMBRI ĠODDA**

**Differenzi bejn kontijiet annwali u dikjarazzjonijiet tal-infiq**

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Irtirar kmieni | 486 177,10 | | 486 177,10 |
| 2 | Żoni żvantaġġati | – 62 324,19 | | – 62 324,19 |
| 3 | Agroambjent | 24 415 487,28 | | 24 415 487,28 |
| 4 | Forestrija | 768 151,81 | | 768 151,81 |
| 5 | Gruppi ta' produtturi | 6 792 047,50 | | 6 792 047,50 |
| 6 | Għajnuna teknika | 0,00 | | 0,00 |
| 7 | Sapard | 0,00 | | 0,00 |
| 700 | Investimenti fl-azjendi agrikoli, R. 1268/99 | 0,00 | | 0,00 |
| 701 | Ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 702 | Ħsara tal-għargħar 1 | 0,00 | | 0,00 |
| 703 | Titjib fl-istrutturi tal-kwalità | 0,00 | | 0,00 |
| 704 | Titjib tal-art u t-tqassim mill-ġdid tagħha | 0,00 | | 0,00 |
| 705 | Rinnovazzjoni u żvilupp tal-villaġġi | 0,00 | | 0,00 |
| 706 | Ħsara tal-għargħar 2 | 0,00 | | 0,00 |
| 707 | Żvilupp tal-infrastruttura rurali | 0,00 | | 0,00 |
| 708 | Żvilupp u diversifikazzjoni tal-attivitajiet | 0,00 | | 0,00 |
| 709 | Metodi ta' produzzjoni agrikola għall-protezzjoni | 0,00 | | 0,00 |
| 710 | Titjib tat-taħriġ professjonali | 0,00 | | 0,00 |
| 711 | Għajnuna teknika SAPARD | 0,00 | | 0,00 |
| | Total | 32 399 539,50 | 0,00 | 32 399 539,50 |

L-ESTONJA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Żoni żvantaġġati | – 85 013,95 | | – 85 013,95 |
| 2 | Agroambjent | 20 416 942,68 | | 20 416 942,68 |
| 3 | Afforestazzjoni tal-art agrikola | 125 877,94 | | 125 877,94 |
| 4 | Għajnuna għal farms semi-sussistenti | 2 154 035,51 | | 2 154 035,51 |
| 5 | Ilħuq ta' standards | 1 373 830,87 | | 1 373 830,87 |
| 6 | Ħlasijiet kumplimentari għall-ħlasijiet diretti | 4 570,72 | | 4 570,72 |

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 7 | Għajnuna teknika | 155 007,67 | | 155 007,67 |
| 8 | Sapard | 0,00 | | 0,00 |
| 9 | Għajnuna lil żoni b'restrizzjonijiet ambjentali | 3 517,30 | | 3 517,30 |
| | Total | 24 148 768,74 | 0,00 | 24 148 768,74 |

ĊIPRU

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Għajnuna għall-investimenti għall-ġestjoni tal-iskart tal-annimali | 2 160 970,53 | | 2 160 970,53 |
| 2 | Tħeġġiġ għat-titjib u għall-iżvilupp | 3 845 690,82 | | 3 845 690,82 |
| 3 | Tħeġġiġ għat-twaqqif tal-gruppi ta' produtturi | 391 894,08 | | 391 894,08 |
| 4 | Promozzjoni tat-taħriġ professjonali tal-bdiewa | 0,00 | | 0,00 |
| 5 | Servizz tekniku u konsultattiv għall-bdiewa | 58 475,17 | | 58 475,17 |
| 6 | Irtirar kmieni | 500 463,80 | | 500 463,80 |
| 7 | Għajnuna għat-twaqqif ta' bdiewa żgħażagħ | 710 000,00 | | 710 000,00 |
| 8 | Ilħuq tal-istandards tal-UE | 1 890 818,08 | | 1 890 818,08 |
| 9 | Addozzjoni ta' miżuri agroambjentali | 2 724 287,26 | | 2 724 287,26 |
| 10 | Azzjonijiet agroambjentali għall-ħarsien tal-valur naturali | 2 608 009,46 | | 2 608 009,46 |
| 11 | Afforestazzjoni | 40 915,05 | | 40 915,05 |
| 12 | Titjib tal-infrastruttura għall-iżvilupp tal-bhejjem | 490 532,61 | | 490 532,61 |
| 13 | Żoni żvantaġġati | – 13 576,13 | | – 13 576,13 |
| 14 | Għajnuna għall-iskemi ta' kwalità | 673 718,97 | | 673 718,97 |
| 15 | Għajnuna għall-ipproċessar tradizzjonali fuq skala żgħira | 584 241,84 | | 584 241,84 |
| 16 | Ħarsien ta' pajżaġġi agrikoli u tradizzjonali | 282 638,86 | | 282 638,86 |
| 17 | Ħarsien min-nirien tal-foresti u d-diżastri naturali oħrajn | 123 163,39 | | 123 163,39 |
| 18 | Afforestazzjoni tal-art li mhix agrikola | 396 079,52 | | 396 079,52 |
| 19 | Titjib tal-proċess tal-ħsad | 0,00 | | 0,00 |
| 20 | Għajnuna teknika għall-implimentazzjoni, monitoraġġ | 70 039,46 | | 70 039,46 |
| 21 | Għajnuna teknika għall-inizjattivi kollettivi fuq livell lokali | 32 463,43 | | 32 463,43 |
| | Total | 17 570 826,20 | 0,00 | 17 570 826,20 |

IL-LATVJA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Irtirar kmieni | 3 250 393,40 | | 3 250 393,40 |
| 2 | Gruppi ta' produtturi | 1 589 329,59 | | 1 589 329,59 |
| 3 | Għajnuna għall-farms semi-sussistenti | 10 953 829,98 | | 10 953 829,98 |
| 4 | Ilqugħ ta' standards | 7 050 638,64 | | 7 050 638,64 |
| 5 | Agroambjent | 23 854 472,13 | | 23 854 472,13 |
| 6 | Żoni żvantaġġati | 34 948,53 | | 34 948,53 |
| 7 | Għajnuna teknika | 258 913,87 | | 258 913,87 |
| 8 | Obbligi trasferiti minn perjodu ta' programmazzjoni preċedenti | – 5 668,27 | | – 5 668,27 |
| 9 | Allokazzjonijiet ta' riżorsi għall-ħlasijiet uniċi skont iż-żona | 0,00 | | 0,00 |
| | Total | 46 986 857,87 | 0,00 | 46 986 857,87 |

IL-LITWANJA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Agroambjent | 27 947 981,79 | | 27 947 981,79 |
| 2 | Żoni żvantaġġati u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali | 48 234,08 | | 48 234,08 |
| 3 | Ilqugħ ta' standards | 26 055 356,07 | | 26 055 356,07 |
| 4 | Afforestazzjoni tal-art agrikola | 1 734 572,99 | | 1 734 572,99 |
| 5 | Irtirar kmieni | 19 490 903,99 | | 19 490 903,99 |
| 6 | Għajnuna għal farms semi-sussistenti li qed jiġu ristrutturati | 2 081 962,83 | | 2 081 962,83 |
| 7 | Miżuri oħrajn | 447 848,76 | | 447 848,76 |
| 8 | Għajnuna teknika | 1 330 659,16 | | 1 330 659,16 |
| 9 | Ħlasijiet diretti nazzjonali kumplimentari | 10 739,70 | | 10 739,70 |
| | Total | 79 148 259,37 | 0,00 | 79 148 259,37 |

L-UNGERIJA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Agroambjent | 59 606 523,82 | | 59 606 523,82 |
| 2 | Ilqugħ ta' standards | 13 784 071,07 | | 13 784 071,07 |
| 3 | Afforestazzjoni | 15 357 233,59 | | 15 357 233,59 |
| 4 | Għajnuna għal farms semi-sussistenti | 322 737,06 | | 322 737,06 |

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 5 | Gruppi ta' produtturi | – 233,15 | | – 233,15 |
| 6 | Iritirar kmieni | 0,00 | | 0,00 |
| 7 | Żoni żvantaġġati | – 25 011,06 | | – 25 011,06 |
| 8 | Għajnuna teknika | 1 245 216,13 | | 1 245 216,13 |
| 9 | Proġetti approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 10 | Ħlasijiet diretti nazzjonali kumplimentari | 0,00 | | 0,00 |
| | Total | 90 290 537,46 | 0,00 | 90 290 537,46 |

IL-POLONJA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Irtirar kmieni | 25 431 473,58 | | 25 431 473,58 |
| 2 | Għajnuna għall-farms semi-sussistenti | 12 965 617,28 | | 12 965 617,28 |
| 3 | Żoni żvantaġġati | – 1 487 716,01 | | – 1 487 716,01 |
| 4 | Impriżi agroambjentali u s-saħħa tal-annimali | 5 663 544,07 | | 5 663 544,07 |
| 5 | Afforestazzjoni | 11 625 652,61 | | 11 625 652,61 |
| 6 | Ilqugħ ta' standards tal-UE | 62 703 110,98 | | 62 703 110,98 |
| 7 | Gruppi ta' Produtturi | 1 799 132,10 | | 1 799 132,10 |
| 8 | Għajnuna teknika | 2 763 199,78 | | 2 763 199,78 |
| 9 | Ħlasijiet kumplimentari għall-ħlasijiet diretti | 140 155,01 | | 140 155,01 |
| 10 | Proġetti approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999 | – 8 978,12 | | – 8 978,12 |
| | Total | 121 595 191,28 | 0,00 | 121 595 191,28 |

IS-SLOVENJA

| Nru | MiżurI | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Żoni żvantaġġati | 78 615,04 | | 78 615,04 |
| 2 | Agroambjent | – 1 190 735,17 | | – 1 190 735,17 |
| 3 | Irtirar kmieni | 1 386 969,91 | | 1 386 969,91 |
| 4 | Ilqugħ ta' standards | 199 761,17 | | 199 761,17 |
| 5 | Għajnuna teknika | 101 777,75 | | 101 777,75 |
| 6 | Programm SAPARD | 34 856,75 | | 34 856,75 |
| 7 | Ħlasijiet kumplimentari għall-ħlasijiet diretti | – 3 820,92 | | – 3 820,92 |
| | Total | 607 424,53 | 0,00 | 607 424,53 |

IS-SLOVAKKJA

| Nru | Miżuri | Infiq għas-sena 2008 Anness I kolonna "a" | Tnaqqis Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għas-sena 2008 Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Investimenti fl-azjendi agrikoli | 1 650 413,98 | | 1 650 413,98 |
| 2 | Taħriġ | 0,00 | | 0,00 |
| 3 | Żoni żvantaġġati u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali | 317 367,06 | | 317 367,06 |
| 4 | Ilqugħ ta' standards | 3 982 447,52 | | 3 982 447,52 |
| 5 | Għajnuna agroambjentali | 25 815 864,82 | | 25 815 864,82 |
| 6 | Titjib tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli | 942 660,39 | | 942 660,39 |
| 7 | Ġestjoni tal-foresti | 4 564,40 | | 4 564,40 |
| 8 | Afforestazzjoni tal-art agrikola | 106 689,23 | | 106 689,23 |
| 9 | Konsolidazzjoni tal-art | 465 593,60 | | 465 593,60 |
| 10 | Diversifikazzjoni tal-attivitajiet agrikoli | 34 451,27 | | 34 451,27 |
| 11 | Għajnuna għall-farms semi-sussistenti | 414 691,29 | | 414 691,29 |
| 12 | Gruppi ta' produtturi | 2 387 788,82 | | 2 387 788,82 |
| 13 | Għajnuna teknika inkluża l-evalwazzjoni | 3 137 462,36 | | 3 137 462,36 |
| 14 | Ħlasijiet kumplimentari għall-ħlasijiet diretti | – 234,40 | | – 234,40 |
| 901 | Investimenti f'azjendi agrikoli, R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 905 | Għajnuna agroambjentali - proġetti approvati R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 907 | Ġestjoni tal-foresti - proġetti approvati skont R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 912 | Gruppi ta' produtturi - proġett approvat skont R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| | Total | 39 259 760,34 | 0,00 | 39 259 760,34 |

*ANNESS III*

**APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS**

**SENA FINANZJARJA 2008 - INFIQ GĦALL-IŻVILUPP RURALI TAL-FAEG FI STATI MEMBRI ĠODDA.**

**Lista tal-Aġenziji tal-Ħlas li l-kontijiet tagħhom ma ġewx approvati u huma suġġetti għal deċiżjoni ta' approvazzjoni iktar tard**

| Stat Membru | Aġenzija tal-Ħlas |
|---|---|
| Malta | MRRA |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' April 2009

## dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), għas-sena finanzjarja 2008

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3217)*

(2009/367/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 32 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni, abbażi tal-kontijiet annwali mressqa mill-Istati Membri, flimkien mat-tagħrif meħtieġ għall-approvazzjoni tal-kontijiet u ċertifikat rigward l-integralità, ir-reqqa u l-veraċità tal-kontijiet u r-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

(2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ħlas lura tal-ispejjeż fil-qafas tal-EAGF u tal-EAFRD ([2]) għas-sena finanzjarja 2008, qiegħda titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2007 u l-15 ta' Ottubru 2008.

(3) Il-Kummissjoni ċċekkjat it-tagħrif imressaq mill-Istati Membri u qabel il-31 ta' Marzu 2009, bagħtet lill-Istati Membri r-riżultati tal-verifiki tagħha, flimkien mal-emendi meħtieġa.

(4) Il-kontijiet annwali u d-dokumenti anċillari jippermettu lill-Kummissjoni tieħu, għal ċerti aġenziji tal-ħlas, deċiżjoni dwar il-kompletezza, ir-reqqa u l-veraċità tal-kontijiet annwali mressqa. L-Anness I jelenka l-ammonti approvati skont l-Istat Membru u l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri jew imħallsa lill-Istati Membri.

(5) It-tagħrif imressaq minn ċerti aġenziji tal-ħlas oħra jesiġi aktar inkjesti u l-kontjiet tagħhom ma jistgħux jiġu approvati f'din id-Deċiżjoni. L-Anness II jelenka l-aġenziji tal-ħlas konċernati.

(6) Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, kwalunkwe skadenza maqbuża matul Awwissu, Settembru u Ottubru għandha titqies fid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet. Xi parti min-nefqa ddikjarata minn ċerti Stati Membri matul dawn ix-xhur tas-sena 2008 saret wara l-iskadenzi applikabbli. Għalhekk din id-Deċiżjoni għandha tiffissa t-tnaqqis rilevanti.

(7) Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, diġà naqqset jew issospendiet għadd ta' ħlasijiet mensili mad-dħul fil-kontijiet tal-infiq għas-sena finanzjarja 2008. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe rifużjoni prematura jew temporanja tal-ammonti kkonċernati, dawn il-ħlasijiet mensili ma għandhomx jiġu rikonoxxuti f'din id-Deċiżjoni u għandhom jiġu eżaminati iktar skont il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(8) Skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel tajjeb għal 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali. L-Artikolu 32(3) tar-Regolament imsemmi jobbliga lill-Istati Membri biex iressqu quddiem il-Kummissjoni, rapport fil-qosor dwar il-proċeduri tal-irkupru segwiti b'reazzjoni għall-irregolaritajiet, flimkien mal-kontijiet annwali. Regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrappurtaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati huma stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 ([3]) tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR. L-Anness III tal-imsemmi Regolament jipprovdi t-tabella li kellha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fl-2009. Abbażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.
([3]) OJ L 322M, 2.12.2008, p. 162.

il-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru ta' irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' snin jew tmien snin, rispettivament. Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(9) Skont l-Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux passi għall-irkupru. Deċiżjoni bħal din tista' tittieħed biss jekk l-ispejjeż li saru diġà u dawk li aktarx isiru flimkien jaqbżu l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk l-irkupru jirriżulta impossibbli li jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità. Jekk dik id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, il-baġit Komunitarju għandu jagħmel tajjeb għal 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas tal-irkupru. Ir-rapport fil-qosor imsemmi fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 juri l-ammonti li l-Istat Membru ddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru tagħhom u fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni. L-Istati Membri kkonċernati ma għandhomx jagħmlu tajjeb għal dawn l-ammonti u għalhekk għandhom joħorġu mill-baġit Komunitarju. Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament imsemmi.

(10) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità nfiq li ma jiġix effettwat skont ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas, għajr ta' dawk l-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2, li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), għas-sena finanzjarja 2008, huma approvati permezz ta' din id-deċiżjoni.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lil kull Stat Membru skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Għas-sena finanzjarja 2008, il-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri għan-nefqa ffinanzjata mill-FAEG, stipulati fl-Anness II, huma mifruda minn din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu s-suġġett ta' Deċiżjoni dwar approvazzjoni fil-ġejjieni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET GĦALL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS

## SENA FINANZJARJA 2008

**Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru jew imħallas lill-Istat Membru.**

| SM | | 2008 - Nefqa / Dħul assenjat lill-Aġenziji tal-Ħlas li l-kontijiet tagħhom huma | | Total a + b | Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja 1 kollha) (1) | Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Regolament 1290/2005 | Total li jinkludi t-tnaqqis u s-sospensjonijiet | Ħlasijiet magħmula lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja | Ammont li għad irid jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru (–) jew imħallas (+) lill-Istat Membru (2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | mifruda | | | | | | |
| | | = nefqa / dħul assenjat/a iddikjarat/a fid-dikjarazzjoni ta' kull sena | = total tan-nefqa / dħul assenjat/a fid-dikjarazzjoni ta' kull xahar | | | | | | |
| | | a | b | c = a + b | d | e | f = c + d + e | g | h = f – g |
| BE | EUR | 432 608 618,53 | 273 518 319,77 | 706 126 938,30 | – 593,30 | – 54 510,68 | 706 071 834,32 | 706 201 150,75 | – 129 316,43 |
| BG | EUR | 173 261 850,21 | 0,00 | 173 261 850,21 | – 10 969,94 | 0,00 | 173 250 880,27 | 173 262 003,11 | – 11 122,84 |
| CZ | EUR | 382 633 310,43 | 0,00 | 382 633 310,43 | 0,00 | 0,00 | 382 633 310,43 | 382 638 179,78 | – 4 869,35 |
| DK | DKK | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 14 764,84 | – 14 764,84 | 0,00 | – 14 764,84 |
| DK | EUR | 981 148 146,05 | 0,00 | 981 148 146,05 | – 334 916,53 | 0,00 | 980 813 229,52 | 980 605 638,09 | 207 591,43 |
| DE | EUR | 4 679 844 580,08 | 421 042 712,93 | 5 100 887 293,01 | – 37 390,29 | – 2 874 536,38 | 5 097 975 366,35 | 5 101 133 812,30 | – 3 158 445,95 |
| EE | EUR | 41 604 457,53 | 0,00 | 41 604 457,53 | – 30 242,24 | 0,00 | 41 574 215,29 | 41 537 242,47 | 36 972,82 |
| IE | EUR | 1 452 426 445,64 | 0,00 | 1 452 426 445,64 | – 152 676,24 | – 209 340,42 | 1 452 064 428,98 | 1 450 327 500,26 | 1 736 928,72 |
| EL | EUR | 0,00 | 2 460 745 905,37 | 2 460 745 905,37 | 0,00 | 0,00 | 2 460 745 905,37 | 2 460 745 905,37 | 0,00 |
| ES | EUR | 5 476 876 522,21 | 0,00 | 5 476 876 522,21 | – 4 919 283,22 | – 4 564 317,68 | 5 467 392 921,32 | 5 475 621 557,38 | – 8 228 636,07 |
| FR | EUR | 8 323 180 801,10 | 0,00 | 8 323 180 801,10 | – 1 302 798,28 | – 18 942 379,66 | 8 302 935 623,16 | 8 324 404 948,60 | – 21 469 325,44 |
| IT | EUR | 4 168 669 787,38 | 101 969 623,15 | 4 270 639 410,53 | – 1 887 157,65 | – 4 363 298,08 | 4 264 388 954,80 | 4 264 132 179,52 | 256 775,28 |
| CY | EUR | 27 774 540,54 | 0,00 | 27 774 540,54 | 0,00 | 0,00 | 27 774 540,54 | 27 774 540,54 | 0,00 |
| LV | EUR | 96 759 251,98 | 0,00 | 96 759 251,98 | 0,00 | 0,00 | 96 759 251,98 | 96 760 415,54 | – 1 163,56 |
| LT | EUR | 155 733 024,94 | 0,00 | 155 733 024,94 | 0,00 | 0,00 | 155 733 024,94 | 155 996 896,19 | – 263 871,25 |
| LU | EUR | 33 965 171,44 | 0,00 | 33 965 171,44 | – 1 273,90 | 0,00 | 33 963 897,54 | 33 787 840,71 | 176 056,83 |
| HU | EUR | 486 553 484,46 | 0,00 | 486 553 484,46 | – 11 055,36 | 0,00 | 486 542 429,10 | 492 387 580,59 | – 5 845 151,49 |
| MT | EUR | 0,00 | 2 472 341,64 | 2 472 341,64 | 0,00 | 0,00 | 2 472 341,64 | 2 472 341,64 | 0,00 |
| NL | EUR | 854 800 814,16 | 0,00 | 854 800 814,16 | – 91 807,12 | – 65 076,30 | 854 643 930,74 | 856 242 767,86 | – 1 598 837,12 |
| AT | EUR | 656 513 475,83 | 0,00 | 656 513 475,83 | 0,00 | – 44 207,31 | 656 469 268,52 | 656 496 253,55 | – 26 985,03 |
| PL | EUR | 1 172 220 664,21 | 0,00 | 1 172 220 664,21 | 0,00 | 0,00 | 1 172 220 664,21 | 1 172 232 662,17 | – 11 997,96 |

| SM | | 2008 - Nefqa / Dħul assenjat lill-Aġenziji tal-Ħlas li l-kontijiet tagħhom huma | | Total a + b | Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja 1 kollha) (1) | Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Regolament 1290/2005 | Total li jinkludi t-tnaqqis u s-sospensjonijiet | Ħlasijiet magħmula lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja | Ammont li għad irid jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru (–) jew imħallas (+) lill-Istat Membru (2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | mifruda | | | | | | |
| | | = nefqa / dħul assenjat/a iddikjarat/a fid-dikjarazzjoni ta' kull sena | = total tan-nefqa / dħul assenjat/a fid-dikjarazzjoni ta' kull xahar | | | | | | |
| | | a | b | c = a + b | d | e | f = c + d + e | g | h = f – g |
| PT | EUR | 0,00 | 720 094 153,57 | 720 094 153,57 | 0,00 | 0,00 | 720 094 153,57 | 720 094 153,57 | 0,00 |
| RO | EUR | 0,00 | 461 870 850,36 | 461 870 850,36 | 0,00 | 0,00 | 461 870 850,36 | 461 870 850,36 | 0,00 |
| SI | EUR | 93 014 996,23 | 0,00 | 93 014 996,23 | 0,00 | 0,00 | 93 014 996,23 | 93 152 578,75 | – 137 582,52 |
| SK | EUR | 169 701 265,50 | 0,00 | 169 701 265,50 | 0,00 | 0,00 | 169 701 265,50 | 169 768 426,79 | – 67 161,29 |
| FI | EUR | 565 626 400,21 | 0,00 | 565 626 400,21 | – 2 432,42 | – 7 736,10 | 565 616 231,70 | 567 200 798,71 | – 1 584 567,01 |
| SE | SEK | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 65 415,38 | – 65 415,38 | 0,00 | – 65 415,38 |
| SE | EUR | 713 833 441,95 | 0,00 | 713 833 441,95 | – 35 629,22 | 0,00 | 713 797 812,73 | 713 869 554,32 | – 71 741,59 |
| UK | GBP | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 58 909,25 | – 58 909,25 | 0,00 | – 58 909,25 |
| UK | EUR | 3 158 349 336,06 | 0,00 | 3 158 349 336,06 | – 14 574 228,18 | 0,00 | 3 143 775 107,88 | 3 223 172 099,30 | – 79 396 991,42 |

| SM | | Nefqa (3) | Dħul assenjat (3) | Fond għaż-Żokkor | | Artikolu 32 (=e) | Total (=h) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Spiża (4) | Dħul assenjat (4) | | |
| | | 05 07 01 06 | 6701 | 05 02 16 02 | 6803 | 6702 | |
| | | i | j | k | l | m | n = i + j + k + l + m |
| BE | EUR | – 74 805,75 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 54 510,68 | – 129 316,43 |
| BG | EUR | – 11 122,84 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 11 122,84 |
| CZ | EUR | – 4 869,35 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 4 869,35 |
| DK | DKK | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 14 764,84 | – 14 764,84 |
| DK | EUR | 207 591,43 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 207 591,43 |
| DE | EUR | – 209 002,65 | – 74 906,93 | 0,00 | 0,00 | – 2 874 536,38 | – 3 158 445,95 |
| EE | EUR | 36 972,82 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 36 972,82 |
| IE | EUR | 1 946 269,14 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 209 340,42 | 1 736 928,72 |
| EL | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| ES | EUR | – 3 664 318,39 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 4 564 317,68 | – 8 228 636,07 |
| FR | EUR | – 2 526 945,78 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 18 942 379,66 | – 21 469 325,44 |

| SM | | Nefqa ([3]) | Dħul assenjat ([3]) | Fond għaz-Zokkor | | Artikolu 32 (=e) | Total (=h) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Spiża ([4]) | Dħul assenjat ([4]) | | |
| | | 05 07 01 06 | 6701 | 05 02 16 02 | 6803 | 6702 | |
| | | i | j | k | l | m | n = i + j + k + l + m |
| IT | EUR | 4 620 073,36 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 4 363 298,08 | 256 775,28 |
| CY | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| LV | EUR | – 1 035,93 | – 127,63 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 1 163,56 |
| LT | EUR | – 263 563,31 | – 307,94 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 263 871,25 |
| LU | EUR | 176 056,83 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 176 056,83 |
| HU | EUR | – 5 845 151,49 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 5 845 151,49 |
| MT | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| NL | EUR | – 1 444 785,70 | – 88 975,12 | 0,00 | 0,00 | – 65 076,30 | – 1 598 837,12 |
| AT | EUR | 17 222,28 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 44 207,31 | – 26 985,03 |
| PL | EUR | – 11 997,96 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 11 997,96 |
| PT | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| RO | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| SI | EUR | – 137 582,52 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 137 582,52 |
| SK | EUR | 3 555,47 | – 70 716,76 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 67 161,29 |
| FI | EUR | – 1 521 889,93 | – 54 940,99 | 0,00 | 0,00 | – 7 736,10 | – 1 584 567,01 |
| SE | SEK | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 65 415,38 | – 65 415,38 |
| SE | EUR | – 71 741,59 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 71 741,59 |
| UK | GBP | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 58 909,25 | – 58 909,25 |
| UK | EUR | – 79 396 991,42 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 79 396 991,42 |

([1]) It-tnaqqis u s-sospensjonijiet huma dawk li jitqiesu fis-sistema tal-ħlas, li magħha b'mod partikolari jiżdiedu l-korrezzjonijiet F'każ li ma jinżammux id-dati ta' skadenza għall-ħlasijiet iffissati f'Awwissu, Settembru u Ottubru 2008.

([2]) Għall-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru jew imħallas lill-Istat Membru, l-ammont li jitqies huwa t-total tad-dikjarazzjoni ta' kull sena Għan-nefqa approvata (kol.a) jew, it-total tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar għan-nefqa mifruda (kol.b).
Ir-rata ta' skambju applikabbli: Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.

([3]) F'każ li parti mid-dħul assenjat tkun ta' vantaġġ għall-Istat Membru, għandha tiġi ddikjarata skont 05 07 01 06.

([4]) F'każ li parti mid-dħul assenjat lill-Fond għaz-Zokkor, tkun ta' vantaġġ għall-Istat Membru, għandha tiġi ddikjarata skont 05 02 16 02.

*NB*: Nomenklatura 2009: 05 07 01 06, 05 02 16 02, 6701, 6702, 6803

*ANNESS II*

**APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS**

**SENA FINANZJARJA 2008 - FAEG**

**Lista tal-Aġenziji tal-Ħlas li l-kontijiet tagħhom huma mifruda u huma soġġetti għal deċiżjoni ta' approvazzjoni li għandha tittieħed iktar tard**

| Stat Membru | Aġenzija tal-Ħlas |
|---|---|
| Il-Belġju | ALV |
| Il-Ġermanja | Baden-Württemberg |
| Il-Greċja | OPEKEPE |
| L-Italja | ARBEA |
| Malta | MRRA |
| Il-Portugall | IFAP |
| Ir-Rumanija | PIAA |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-4 ta' Mejju 2009

## li tistipula għas-sena tas-suq 2009/2010, l-ammonti tal-għajnuna għad-diversifikazzjoni u l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni li għandha tingħata skont l-iskema temporanja għar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3158)*

**(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

(2009/368/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li temenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrarja komuni ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni għandha tistipula l-ammonti attribwiti għal kull Stat Membru kkonċernat, għall-għajnuna għad-diversifikazzjoni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni skont l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(2) L-ammonti tal-għajnuna għad-diversifikazzjoni u tal-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni huma kkalkulati abbażi tat-tunnellati tal-kwota taz-zokkor irrinunzjati fis-sena tas-suq 2009/2010 fl-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 968/2006,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti għal kull Stat Membru kkonċernat tal-għajnuna għad-diversifikazzjoni u tal-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni skont l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, kif stipulati għall-kwoti rrinunzjati fis-sena tas-suq 2009/2010, huma stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 29.
([2]) ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 183.

*ANNESS*

**Ammonti għal kull Stat Membru tal-għajnuna għad-diversifikazzjoni u l-għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni għas-sena tas-suq 2009/2010**

*(EUR)*

| Stat Membru | Għajnuna għad-diversifikazzjoni | Għajnuna addizzjonali għad-diversifikazzjoni |
|---|---|---|
| Spanja | 10 304 268,00 | 23 197 020,93 |

## CORRIGENDUM

**Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/113/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta mikroorganiżmi bħala sustanzi attivi**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 330, 9 ta' Diċembru 2008)*

F'paġna 14, fl-Anness, ir-ringiela 213, il-kolonna "Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni":

*minflok:* "T11"

*jinqara:* "T25"

F'paġna 14, fl-Anness, ir-ringiela 213, il-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi":

*minflok:* "T11"

*jinqara:* "T25"

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT